

Brussell, 14 ta' Ġunju 2023  
(OR. en)

10602/23

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0179(NLE)**

---

---

SOC 446  
EMPL 310  
EDUC 253  
JEUN 162  
ECOFIN 597  
MI 524  
FISC 127

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

|                   |  |
|-------------------|--|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur                      |
| data meta waslet: | 13 ta' Ġunju 2023  |
| lil:              | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                     |
| Nru dok. Cion:    | COM(2023) 316 final  |
| Suġġett:          | Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali |

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 316 final.

Mehmuż: COM(2023) 316 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Strasburgu, 13.6.2023  
COM(2023) 316 final

2023/0179 (NLE)

Proposta għal

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali**

{SWD(2023) 208 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jaġixxi bħala kumpass li jistabbilixxi d-direzzjoni biex tinkiseb **Ewropa soċjali b'saħħitha** li hija **ġusta, inklużiva u fejn kulħadd għandu l-opportunità li jirnexxi**. It-tlestija tal-azzjonijiet speċifiċi stabbiliti fil-pjan ta' azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali teħtieġ sforz konġunt mill-istituzzjonijiet tal-UE, mill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, mis-sħab soċjali u mis-soċjetà ċivili.

Sfidi bħalma huma t-tibdil fil-klima, id-diġitalizzazzjoni, l-inugwaljanzi li jiżdedu u t-tibdil demografiku wasslu lill-Unjoni Ewropea (UE) biex tiżviluppa politiki mmirati lejn it-tnedija ta' **tranżizzjoni ġusta, sostenibbli u inklużiva**, bil-Patt Ekoloġiku Ewropew<sup>1</sup> fil-qalba tagħha. Il-**konsegwenzi estensivi** tal-pandemija tal-COVID-19 u tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna enfasizzaw il-ħtieġa urġenti għal din it-tranżizzjoni.

L-**entitajiet tal-ekonomija soċjali**, li jimpjegaw madwar 13,6 miljun persuna fl-UE<sup>2</sup>, jinsabu fuq quddiem nett ta' din it-tranżizzjoni. Dawn urew kapaċità rimarkabbli biex irawmu **komunitajiet u mudelli ta' negozju reżiljenti u inklużivi, il-parteċipazzjoni demokratika u ekonomija li taħdem għal kulħadd**. Jagħtu wkoll kontribut importanti għall-PDG fil-pajjiżi bl-istrutturi tal-ekonomija soċjali l-aktar żviluppati<sup>3</sup>.

L-**ekonomija soċjali** hija terminu ġeneriku li jkopri firxa wiesgħa ta' entitajiet privati li jqiegħdu lin-nies u lill-kawżi soċjali u ambjentali qabel il-profitt. Filwaqt li l-kamp ta' applikazzjoni u t-termini użati biex jiddeskrivu l-kunċett tal-ekonomija soċjali jistgħu jvarjaw skont it-tradizzjonijiet nazzjonali, tipikament jinkludu **kooperattivi, soċjetajiet ta' benefiċċju mutwu, assoċjazzjonijiet** (inklużi organizzazzjonijiet tal-karità), **fondazzjonijiet**, u **intrapriżi soċjali**. Minbarra li jqiegħdu lin-nies u lill-pjaneta l-ewwel, dawn l-entitajiet jikkondividu prinċipji ewlenin oħra, inkluż l-investment mill-ġdid tal-profitti f'attivitajiet li jaqdu l-interess kollettiv jew lis-soċjetà, u governanza demokratika u/jew parteċipattiva.

Il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-kundizzjonijiet qafas tal-ekonomija soċjali tħabbret fil-pjan ta' **azzjoni għall-ekonomija soċjali**<sup>4</sup> tal-Kummissjoni Ewropea fl-2021. Fil-pjan ta' azzjoni, il-Kummissjoni pproponiet passi speċifiċi li għandhom jittieħdu sal-2030 biex tingħata spinta lill-innovazzjoni soċjali, jitravmu l-ekonomija soċjali u l-mudelli ta' negozju u organizzattivi tagħha, u tiżded is-setgħa trasformattiva tagħha għall-ekonomija u s-soċjetà. L-enfasi hija fuq l-iffaċilitar tat-tkabbir tal-ekonomija soċjali billi **jinħolqu kundizzjonijiet favorevoli, jiġu ffaċilitati n-negozji l-ġodda u l-espansjoni tan-negozji**, u **billi jkun hemm sensibilizzazzjoni** dwar il-potenzjal tagħha.

Il-pjan ta' azzjoni ntlaga' mill-Parlament Ewropew f'riżoluzzjoni<sup>5</sup>. Dan huwa konformi mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2015 dwar il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali bħala mutur

<sup>1</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", COM(2019)640 final.

<sup>2</sup> Iċ-ċifra tkopri l-EU-28. Ara l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, Monzon, J. L., Chaves, R., *Recent evolutions of the Social Economy in the European Union*, 2017, p. 66.

<sup>3</sup> Pereżempju, 10 % tal-PDG fi Franza, <https://www.economie.gouv.fr/leconomie-sociale-et-solidaire>.

<sup>4</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Bini ta' ekonomija għas-servizz tan-nies: pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali", COM(2021) 778 final.

<sup>5</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2022 dwar il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ekonomija soċjali (2021/2179(INI)).

ewlieni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali fl-Ewropa<sup>6</sup>, li qabel fuq l-importanza tal-promozzjoni tal-ekonomija soċjali u stieden lill-Kummissjoni Ewropea tiegħu azzjoni biex tagħti spinta lill-iżvilupp tas-settur.

### Il-valur miżjud tal-ekonomija soċjali

L-ekonomija soċjali jista' jkollha rwol importanti fl-indirizzar ta' firxa wiesgħa ta' sfidi għas-soċjetà. Billi jiġu sfruttati l-aspetti b'saħħithom tagħha, **bħall-ħolqien ta' impjegi ta' kwalità, it-trawwim tal-inklużjoni soċjali u tal-inklużjoni fis-suq tax-xogħol**, u **l-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli**, l-ekonomija soċjali għandha l-potenzjal li tgħin biex jiġu realizzati l-[Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali](#) u l-prinċipji ewlenin tiegħu tal-**opportunitajiet indaqs u l-aċċess għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti**, kif ukoll il-**protezzjoni soċjali u l-inklużjoni**. B'mod speċifiku, l-ekonomija soċjali jista' jkollha rwol importanti biex jintlaħqu l-**miri ewlenin ambizzjużi tal-UE għall-2030** tal-pjan ta' azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena għandu jkollha l-impjeg u mill-inqas 60 % tal-adulti kollha għandhom jipparteċipaw f'taħriġ kull sena, kif ukoll li jitnaqqas l-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali b'mill-inqas 15-il miljun, u b'hekk se tikkontribwixxi għall-impjenji nazzjonali magħmula mill-Istati Membri biex dawn il-miri jintlaħqu<sup>7</sup>.

Tagħmel dan billi toħloq impjegi u opportunitajiet ekonomiċi li jgħinu liż-**żgħażagħ u l-persuni aktar anzjani u l-gruppi żvantaġġati** (bħal daww qiegħda fit-tul, il-persuni li jbatu minn mard mentali jew fiżiku, daww inattivi, daww b'livell baxx ta' ħiliet, persuni b'diżabbiltà u persuni bi sfond ta' migrazzjoni, ta' minoranza razzjali jew etnika, inkluż ir-Roma) **jintegraw fis-suq tax-xogħol** u fis-soċjetà. Fl-istess ħin, trawwem **kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti** billi tinvolvi lill-impjegati fil-governanza u fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Dan huwa aktar u aktar importanti għaliex dawn il-gruppi ta' spiss jiffaċċjaw riskju partikolarment għoli ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali. L-opportunitajiet offruti mill-ekonomija soċjali, speċjalment f'kooperazzjoni man-negozji tradizzjonali, jistgħu wkoll jikkostitwixxu **pass intermedju lejn setturi oħra tas-suq tax-xogħol**. Barra minn hekk, l-ekonomija soċjali timpjega proporzjon għoli ta' nisa<sup>8</sup> u tipprovdi servizzi li jgħinu lin-nisa jingħaqdu mas-suq tax-xogħol, bħall-indukrar tat-tfal. Għalhekk, il-proposta tikkontribwixxi għall-**istrateġija dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri 2020-2025**<sup>9</sup>, li għandha l-għan li tnaqqas id-differenzi bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol u li tikseb l-ugwaljanza fis-setturi differenti tal-ekonomija.

Billi jipprovdu opportunitajiet ta' impjeg li huma mfaġġa għall-ħtiġijiet tal-individwi u tal-ekonomija lokali u billi joffru opportunitajiet ta' taħriġ u taħriġ mill-ġdid, l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jistgħu jgħinu lill-ħaddiema **jżviluppaw il-ħiliet u l-għarfien meħtieġa biex jirrispondu għall-bidliet fis-suq tax-xogħol**. Dan huwa partikolarment rilevanti fil-kuntest tat-tranżizzjoni doppja. L-iżvilupp tal-ħiliet jista' potenzjalment itaffi n-nuqqas ta'

<sup>6</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali bħala mutur ewlieni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali (15071/15).

<sup>7</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, COM/2021/102 final.

<sup>8</sup> F'ċerti pajjiżi, il-perċentwal huwa ogħla b'mod sinifikanti milli fis-settur privat klassiku jew saħansitra fis-settur pubbliku. Pereżempju, fi Franza, 40 % tan-nies li jaħdmu fis-settur privat (minbarra l-ekonomija soċjali) u 63 % fis-settur pubbliku huma nisa, meta mqabbla ma' 68 % fl-ekonomija soċjali. CNCRESS, *Etat des lieux de l'égalité femmes-hommes dans l'Économie Sociale et Solidaire*, 2019, p. 6.

<sup>9</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025", COM(2020) 152 final.

ħaddiema u jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku ġenerali. Pereżempju, l-entitajiet tal-ekonomija soċjali spiss jipprovdu taħriġ fuq il-post tax-xogħol u programmi ta' apprendiment ibbażati fuq ix-xogħol, li jibbenefikaw mill-kultura tal-kondiviżjoni tal-għarfien li tirriżulta mill-etos kollettiv u kollaborattiv fis-settur. Ċerti entitajiet tal-ekonomija soċjali joffru korsijiet ta' taħriġ dwar il-ħiliet diġitali u ekoloġiċi li huma aċċessibbli għal gruppi żvantaġġati, u b'dan il-mod jikkontribixxu għal tranżizzjoni aktar ġusta.

Bis-saħħa tal-metodu axxendenti li dawn l-entitajiet għandhom it-tendenza li jadottaw biex jiffunzjonaw, minħabba li jinsabu qrib il-komunitajiet, iċ-ċittadini u l-problemi li jiffaċċjaw, l-entitajiet tal-ekonomija soċjali għandhom potenzjal kbir li jaġixxu bħala **innovaturi soċjali** u jsibu soluzzjonijiet li jistgħu jiġu applikati fuq skala akbar u/jew li jiġu replikati u jikkontribwixxu għal bidla soċjali sistemika. L-ekonomija soċjali tista' ssib modi innovattivi kif tipprovdi servizzi soċjali essenzjali, li jikkomplementaw is-servizzi pubbliċi offriti fil-livell nazzjonali, billi tistinka biex **tipprovdi servizzi soċjali ta' kwalità u ċċentrati fuq il-persuna b'mod konġunt u kosteffettiv**. Pereżempju, l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jistgħu jkunu sħab importanti għall-awtoritajiet pubbliċi fl-għoti ta' servizzi ta' kura ta' kwalità għolja, kif rikonoxxut mill-istrateġija Ewropea għall-kura<sup>10</sup>.

L-ekonomija soċjali tista' tappoġġa wkoll l-istrateġija industrijali tal-UE<sup>11</sup>. L-istrateġija tippreżenta l-isfidi li l-14-il ekosistema industrijali jiffaċċjaw, fosthom l-ekosistema tal-“ekonomija soċjali u tal-prossimità”, biex jiksibu t-tranżizzjoni doppja u jżidu r-reżiljenza tagħha. L-entitajiet tal-ekonomija soċjali għandhom potenzjal kbir li **jiżviluppaw prodotti u servizzi sostenibbli u li joperaw mudelli ta' negozju inklużivi**. Eżempji pijunieri jinkludu l-komunitajiet u l-kooperattivi tal-enerġija, il-biedja organika, it-turiżmu sostenibbli u l-prodotti u s-servizzi ċirkolari. L-entitajiet tal-ekonomija soċjali u l-innovaturi spiss jitqiesu li huma minn ta' quddiem fit-tranżizzjoni ekoloġika, u jgħinu biex din issir tranżizzjoni aktar ġusta u inklużiva billi tiġi ankrata fil-valuri ta' solidarjetà.

Il-mudelli ta' negozju tal-ekonomija soċjali jgħibu **valur lill-ekonomiji u lis-soċjetajiet lokali** billi jrawmu l-inklużività, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tagħhom. Dawn għandhom l-għeruq imqabbdin sew fl-ekonomija lokali u għandhom l-għan li jaqdu lill-komunità fejn huma bbażati, billi japplikaw il-kunċett ta' innovazzjoni bbażata fuq il-post li jippermetti kemm li jsir l-aħjar użu mir-riżorsi u l-assi lokali kif ukoll li jiddaħħal gwadann ekonomiku u jirritorna d-dħul fl-ekonomija lokali. Dan l-approċċ jgħin biex jistimula l-ekonomija lokali u r-riġenerazzjoni billi jagħti spinta lin-negozji l-ġodda u lill-ħolqien tal-impjegi f'setturi speċifikament rilevanti għal daww il-oqsma. Is-setturi jinkludu l-agrikoltura u l-produzzjoni organika tal-ikel f'żoni rurali u remoti, fir-Reġjuni Ultraperiferiċi tal-UE<sup>12</sup>, f'żoni li jeħtieġu riġenerazzjoni ekonomika, u fl-ekonomija blu. L-entitajiet tal-ekonomija soċjali jistgħu jkunu ta' benefiċċju wkoll għall-ekonomija ċirkolari billi jagħtu spinta lill-azzjoni favur id-disinn sostenibbli tal-prodott, u billi jżidu l-ġbir u r-riċiklaġġ tal-iskart, u b'hekk jippromwovu suq funzjonanti għall-materja prima sekondarja. Barra minn hekk, peress li jgħinu biex jergħu

<sup>10</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-istrateġija Ewropea għall-kura, COM(2022) 440 final.

<sup>11</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, “*Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa*”, COM(2021) 350 final.

<sup>12</sup> L-UE għandha disa' reġjuni ultraperiferiċi – il-Guyana Franċiża, Guadeloupe, Martinique, Mayotte, il-Gżira Réunion u Saint-Martin (Franza), l-Azores u Madeira (il-Portugall), u l-Gżejjer Kanarji (Spanja) – li jinsabu fil-Punent tal-Oċean Atlantiku, fil-baċir tal-Karibew, fil-foresta tal-Amazsonja u fl-Oċean Indjan. B'kollox, fihom jgħixu 4,8 miljun ċittadin.

jagħtu ħaġġa liż-żoni rurali u remoti, l-entitajiet tal-ekonomija soċjali għandhom il-potenzjal li jgħinu biex jittaffew ix-xejriet demografiċi f'dawn ir-reġjuni.

### L-isfidi

Il-viżibbiltà u r-rikonoxximent tal-ekonomija soċjali fil-livelli nazzjonali u reġjonali tjebu f'dawn l-aħħar snin<sup>13</sup>. Aktar minn nofs l-Istati Membri implimentaw oqfsa u politiki legali mmirati fir-rigward tal-intrapriżi soċjali u/jew l-ekonomija soċjali. Madankollu, l-evidenza tissuġġerixxi li l-miżuri meħuda mill-Istati Membri **mhux dejjem wasslu għal riżultati effettivi**. Dan jista' jiġi spjegat minħabba:

- **nuqqas ta' ċarezza u ta' fehim** dwar **il-prinċipji u l-kamp ta' applikazzjoni** tal-ekonomija soċjali;
- rikonoxximent insuffiċjenti tal-**valur miżjud tal-ekonomija soċjali** għas-soċjetà u għall-ekonomija, b'mod partikolari bħala rispons għax-xejriet emerġenti;
- miżuri ta' appoġġ li maż-żmien juru nuqqas ta' konsistenza u/jew li jirrestrinġu bla bżonn lill-entitajiet tal-ekonomija soċjali għal attivitajiet jew għal tipi ta' mudelli ta' negozju speċifiċi<sup>14</sup>;
- il-frammentazzjoni tal-oqfsa legali;
- il-kapaċità amministrattiva u ta' politika limitata tal-Istati Membri;
- **in-nuqqas ta' data u statistika akkurati** dwar is-settur, li jillimita l-fehim tad-daqs u l-impatt tiegħu; u
- nuqqas ta' **finanzjament infassal apposta** għall-istadji differenti fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali<sup>15</sup>.

Dawn in-nuqqasijiet iwasslu għal **potenzjal mhux sfruttat** għas-settur f'ħafna pajjiżi tal-UE. Pereżempju, fl-2017, is-sehem tal-impjeg bi hłas li s-settur kien jirrappreżenta kien ivarja bejn 0,6 % u 9,9 % madwar l-Istati Membri, b'medja tal-UE ta' 6,3 %<sup>16</sup>. Dan juri l-livelli differenti ta' żvilupp tas-settur madwar l-UE.

L-adattament tal-politiki u tal-liġijiet għall-ħtiġijiet tal-ekonomija soċjali huwa komputu kumpless minħabba l-firxa ta' entitajiet differenti u mudelli kummerċjali alternattivi li jiffurmawha, u l-firxa ta' setturi li joperaw fihom. Pereżempju, l-entitajiet soċjali joperaw fl-agrikoltura, fil-kostruzzjoni, fl-użu mill-ġdid u fit-tiswija ta' oġġetti, fil-ġestjoni tal-iskart, fl-enerġija u fil-klima, fl-attivitajiet finanzjarji u ta' assigurazzjoni, fil-proprietà immobbli, fl-edukazzjoni, fil-kura, fl-arti, u ħafna oħrajn.

<sup>13</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, Carini, C., Borzaga, C., Chiomento, S., et al., *Social enterprises and their ecosystems in Europe – Comparative synthesis report*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2019.

<sup>14</sup> Pereżempju, l-istatus legali f'ċerti pajjiżi adatti għal ċerti kategoriji ta' intrapriżi soċjali, eż. Intrapriżi Soċjali għall-Integrazzjoni fix-Xogħol (WISEs), jista' jkun restrittiv wisq fil-ħtiġijiet soċjali li dawn l-organizzazzjonijiet iridu jsegwu. Barra minn hekk, traspożizzjoni restrittiva żżejjed tar-regoli tal-UE, bħar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, tista' tispiċċa tippenalizza l-entitajiet tal-ekonomija soċjali.

<sup>15</sup> Id-diskrepanza fil-finanzjament għall-intrapriżi soċjali fl-Ewropa kien stmat għal kważi EUR 1 biljun fis-sena, filwaqt li d-diskrepanza għall-mikrofinanzjament kien stmat għal EUR 12,9 biljun fis-sena madwar l-UE. Biex tiġi appoġġata l-ekonomija soċjali, huwa stmat li matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 mill-inqas EUR 2,5 biljun ġew mobilizzati mill-baġit tal-UE, u l-ambizzjoni tal-Kummissjoni hija li żżid il-livell ta' appoġġ għall-perjodu 2021-2027.

<sup>16</sup> Iċ-ċifra tkopri l-EU-28. Ara l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, Monzon, J. L., Chaves, R., *Recent evolutions of the Social Economy in the European Union*, 2017, p. 69.

Għalhekk, l-ekonomija soċjali hija affettwata minn diversi **politiki u dispożizzjonijiet orizzontali u settorjali** bħad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-politika tas-suq tax-xogħol, is-servizzi tal-kura tas-saħħa u tal-kura, l-edukazzjoni, il-ħiliet u t-taħriġ, it-tassazzjoni, l-akkwist pubbliku, il-kompetizzjoni, l-industrija, l-iżvilupp lokali u reġjonali, u l-kooperazzjoni territorjali. B'riżultat ta' dan, l-appoġġ effettiv tal-ekonomija soċjali jeħtieġ approċċ komprensiv li jqis l-aspetti interkonnessi kollha li għandhom impatt fuq is-settur.

#### L-objettiv tal-proposta

L-isfruttar effettiv tal-potenzjal tal-ekonomija soċjali jeħtieġ kemm **l-adattament tal-oqfsa legali** kif ukoll **politiki mmirati** mill-awtoritajiet pubbliċi<sup>17</sup>. Barra minn hekk, organizzazzjoni effettiva tal-**istrutturi amministrattivi u istituzzjonali** hija essenzjali biex wieħed jifhem il-ħtiġijiet speċifiċi tas-settur u biex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni mal-partijiet ikkonċernati tiegħu.

Sabiex tindirizza il-kumplessità ta' dan il-kompitu, matul is-snin, il-Kummissjoni żviluppat gwida u riżorsi għall-awtoritajiet pubbliċi fuq diversi temi. Eżempji jinkludu l-gwida [Buying Social](#), ir-rapport [Making socially responsible procurement work](#), [il-manwal għall-oqfsa legali għall-intrapriżi soċjali](#), id-dokumenti ta' sinteżi dwar il-[kejl tal-impatt soċjali](#) u l-[ekonomija ċirkolari](#), [studji dwar id-diġitalizzazzjoni](#) u l-[kooperazzjoni bejn l-ekonomija soċjali u l-intrapriżi tradizzjonali](#), u rapport dwar ir-[raggruppamenti tal-innovazzjoni soċjali u ekoloġika](#).

Għalhekk nistgħu nużaw dawn ir-riżorsi u l-għodod, u l-esperjenza estensiva tal-Istati Membri u tal-pajjiżi sħab mhux tal-UE, biex noħolqu **rakkomandazzjonijiet komprensivi, koerenti, u aġġornati** dwar kif tiġi promossa l-ekonomija soċjali fl-oqfsa ta' politika u fl-oqfsa legali.

L-inizjattiva proposta għandha l-għan li ttejjeb l-**aċċess għas-suq tax-xogħol** u l-**inklużjoni soċjali** billi tappoġġa lill-Istati Membri fl-**integrazzjoni tal-ekonomija soċjali fil-politiki soċjoekonomiċi tagħhom u fil-ħolqien ta' miżuri ta' appoġġ u ambjent favorevoli għas-settur**. Billi tappoġġa l-ekonomija soċjali, il-proposta għandha l-għan ukoll li tistimula l-iżvilupp ekonomiku u industrijali sostenibbli, tikkontribwixxi għall-koeżjoni territorjali fl-Istati Membri u tappoġġa l-innovazzjoni soċjali. Dan se jinkiseb billi r-riċerka, l-esperjenza u l-feedback tal-partijiet ikkonċernati jintużaw biex jiġu fformulati rakkomandazzjonijiet dwar **kif għandhom jiffasslu l-politiki pubbliċi u l-oqfsa legali** biex tiġi appoġġata l-ekonomija soċjali, b'mod partikolari f'oqfsa fejn hija inqas żviluppata. Se tifformula wkoll rakkomandazzjonijiet dwar kif **l-istrutturi amministrattivi u istituzzjonali għandhom jiġu adattati** biex jappoġġaw lil dawn l-entitajiet u jinteraġixxu mal-partijiet ikkonċernati fis-settur.

L-inizjattiva proposta għandha sinerġiji ma' azzjonijiet oħra mħabbra fil-pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali. Fuq kollox, hija marbuta mill-qrib mal-**gateway tal-ekonomija soċjali**, imniedi b'mod parallel ma' din il-proposta, li huwa mmirat lejn is-sensibilizzazzjoni u l-iffaċilitar tal-aċċess għall-informazzjoni u r-riżorsi ta' appoġġ għall-ekonomija soċjali. Il-gateway se jipprovdi informazzjoni dwar il-politika u l-programmi ta' finanzjament tal-UE, gwida, fatti u ċifri, u eżempji tal-aħjar Prattika.

Żewġ dokumenti ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet tat-tassazzjoni li jakkompanjaw din ir-Rakkomandazzjoni jipprovdu informazzjoni fattwali dwar is-sitwazzjoni attwali tal-oqfsa legali għat-tassazzjoni fl-Istati Membri u l-ġurisprudenza u l-każistika dwar dawn il-kwistjonijiet:

---

<sup>17</sup> Pereżempju, ir-[rapport](#) dwar il-proġett Buying for social impact jenfasizza li l-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli huwa aktar faċli biex jiġi implimentat f'pajjiżi fejn jeżistu oqfsa legali jew forum legali għall-intrapriżi soċjali.

- [SWD(2023) xyzx] dwar “**Oqfsa ta’ tassazzjoni rilevanti għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali**”, li huwa bbażat fuq analiżijiet u input ipprovduti mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u mill-partijiet ikkonċernati tal-ekonomija soċjali, u
- [SWD(2023) xyzx] dwar “**Tassazzjoni mhux diskriminatorja tal-organizzazzjonijiet tal-karità u d-donaturi tagħhom: prinċipji derivati mill-ġurisprudenza tal-UE**”, li jipprovdri deskrizzjoni ta’ dan il-prinċipju ewlieni kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Kif imħabbar fil-**programm ta’ ħidma tal-Kummissjoni għall-2023**<sup>18</sup>, il-Kummissjoni se tressaq ukoll inizzjattiva dwar l-attivitajiet transfruntiera tal-assoċjazzjonijiet fis-suq uniku, li għandha l-għan li tneħħi l-ostakli regolatorji u amministrattivi fis-suq uniku għall-assoċjazzjonijiet li joperaw f’aktar minn Stat Membru wieħed. L-inizzjattiva se tgħin biex jissaħħa l-impatt ekonomiku u soċjali tal-assoċjazzjonijiet fl-UE. L-għan tal-inizzjattiva leġiżlattiva huwa marbut mal-għan tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill li trawwem l-inklużjoni soċjali u l-aċċess għas-suq tax-xogħol billi tippromwovi ambjent abilitanti għall-ekonomija soċjali li jtejjeb il-kundizzjonijiet regolatorji u amministrattivi għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika**

Il-pjan ta’ azzjoni għall-ekonomija soċjali jsegwi l-**Inizzjattiva ta’ Negozju Soċjali**<sup>19</sup> (2011), pjan ta’ azzjoni għal perjodu qasir li kellu l-għan li jappoġġa t-tkabbir tal-intrapriżi soċjali u li jixpruna d-diskussjoni dwar l-istrateġiji fuq terminu medju/twil għas-settur. Dan jibni fuq l-**Inizzjattiva favur in-Negozji l-ġodda u n-Negozji li qed jespandu**<sup>20</sup> (2016), li kellha l-għan usa’ li ttipprovdri lil negozji ġodda innovattivi b’opportunitajiet biex isiru kumpaniji ewlenin fid-dinja billi ttejjeb is-sħubijiet, tiżviluppa l-ħiliet, tagħtiho aċċess għall-finanzi, u tneħħi l-ostakli għall-impreduturi ġodda (inklużi l-entitajiet tal-ekonomija soċjali) biex jespandu n-negozju tagħhom fis-suq uniku.

Flimkien mal-pjan ta’ azzjoni għall-ekonomija soċjali, din il-proposta tavvanza ulterjorment l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet deskritti fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2015 dwar il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali bħala mutur ewlieni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali fl-Ewropa.

Minbarra li tikkontribwixxi għall-miri stabbiliti fil-qafas tal-**Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali** u l-pjan ta’ azzjoni tiegħu, kif imsemmi hawn fuq, din il-proposta hija marbuta ma’ inizzjattivi oħra fl-oqsma ta’ politika tal-**impjiegi** u l-**inklużjoni soċjali**.

Sabiex l-**istrateġija Ewropea għall-kura** tiġi implimentata b’suċċess u ttejjeb is-sitwazzjoni kemm għar-riċevituri tal-kura kif ukoll għall-indokraturi madwar l-UE, huwa essenzjali li jiġi żgurat l-impenn kondiviż tal-partijiet ikkonċernati kollha. L-entitajiet tal-ekonomija soċjali jgħibu valur miżjud għall-forniment ta’ servizzi ta’ kura ta’ kwalità għolja minħabba l-approċċ

<sup>18</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Programm ta’ Ħidma tal-Kummissjoni tal-2023: Unjoni soda u magħquda, COM(2022) 548 final.

<sup>19</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni “Inizzjattiva għan-negozju soċjali: Il-ħolqien ta’ klima favorevoli għall-intrapriżi soċjali, il-partijiet interessati ewlenin fl-ekonomija soċjali u l-innovazzjoni”, COM(2011) 0682 final.

<sup>20</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni “Il-mexxejja li jmiss tal-Ewropa: l-Inizzjattiva favur in-Negozji l-ġodda u n-Negozji li qed jespandu”, COM(2016) 0733 final.



tagħhom iffokat fuq il-persuna u l-investment mill-ġdid tal-profitti tagħhom fil-missjoni u fil-komunitajiet lokali tagħhom. Il-ħolqien ta' ambjent ta' appoġġ għall-ekonomija soċjali, inkluż aċċess imtejjeb għall-finanzjament, jista' jgħin biex jintlaħaq l-għan li jiġu pprovduti servizzi ta' kura ta' kwalità, affordabbli u aċċessibbli madwar l-UE. Dan jista' jwassal ukoll għal kundizzjonijiet tax-xogħol aktar ġusti għall-ħaddiema fis-settur, speċjalment permezz tal-promozzjoni tad-djalogu soċjali f'konformità mal-**proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea**<sup>21</sup>. Dan japplika wkoll għall-għanijiet stabbiliti fil-qafas tal-**Garanzija Ewropea għat-Tfal**<sup>22</sup>, għaliex l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jista' jkollhom rwol fit-tfassil u fl-għoti ta' servizzi ta' kwalità għat-tfal, speċjalment it-tfal fil-bżonn, bħall-edukazzjoni inklużiva, il-kura ta' wara l-iskola, l-attivitajiet ta' divertiment u dawk kulturali. **L-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal**<sup>23</sup> issaħħaħ b'mod partikolari l-impenn tal-UE biex tiġġieled il-faqar tat-tfal u tipproteġi lit-tfal u lill-adolexxenti mill-vjolenza. Il-promozzjoni ta' miżuri biex jiġu indirizzati l-vjolenza u d-diskriminazzjoni, b'mod partikolari kontra t-tfal vulnerabbli, tibbenefika minn appoġġ mill-partijiet kollha tas-soċjetà, inklużi l-entitajiet tal-ekonomija soċjali.

Il-proposta għandha wkoll rabtiet mal-**Unjoni ta' Ugwaljanza** u strateġiji relatati, inkluża l-**istrateġija dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri 2020-2025**, l-**istrateġija dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà 2021-2030**<sup>24</sup>, l-**istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ**<sup>25</sup>, il-**pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu**<sup>26</sup> u l-**qafas strateġiku tal-UE dwar ir-Rom 2020-2030**<sup>27</sup>. Billi tindirizza l-isfidi esperjenzati minn gruppi żvantaġġati u sottorappreżentati, l-ekonomija soċjali tista' tgħin lin-nies jintegraw fis-suq tax-xogħol u jiġġieldu l-esklużjoni soċjali.

Il-proposta tikkontribwixxi wkoll għall-**pjan ta' azzjoni dwar l-integrazzjoni u l-inklużjoni għall-2021-2027**<sup>28</sup>, li għandu l-għan li jappoġġa l-integrazzjoni u l-inklużjoni b'suċċess tal-migranti u taċ-ċittadini tal-UE ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni fis-soċjetajiet tal-UE. L-ekonomija soċjali tintegra l-migranti, pereżempju billi toffri opportunitajiet ta' xogħol permezz ta' intrapriżi soċjali għall-integrazzjoni fix-xogħol li huma adattati għall-ħtiġijiet tagħhom.

---

<sup>21</sup> Il-Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea, COM(2023) 38 final.

<sup>22</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal.

<sup>23</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, "*Strateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal*" (COM(2021) 142 final).

<sup>24</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, "*Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021–2030*", COM(2021) 101 final.

<sup>25</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, "*Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025*", COM(2020) 698 final.

<sup>26</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, "*Unjoni ta' Ugwaljanza: Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025*", COM(2020) 565 final.

<sup>27</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, "*Unjoni ta' Ugwaljanza: Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni*", COM(2020) 620 final.

<sup>28</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, "*Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021-2027*", COM(2020) 758 final.

Billi jappoġġaw l-ekonomija soċjali fl-integrazzjoni taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol permezz ta' taħriġ, apprendistati, u impjiegi (inkluża l-promozzjoni tal-intraprenditorija soċjali), l-Istati Membri jistgħu jżidu l-għadd ta' opportunitajiet ta' kwalità disponibbli għaż-żgħażaġh, u b'hekk iwittu t-triq għall-implimentazzjoni tal-**Garanzija għaż-Żgħażaġħ Imsaħħa**<sup>29</sup>.

L-ekonomija soċjali tista' tikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tad-diskrepanza fil-ħiliet billi l-individwi jitħarrġu mill-ġdid u jtejbju l-ħiliet tagħhom permezz ta' taħriġ fuq il-post tax-xogħol u permezz ta' forom oħra ta' taħriġ. Għalhekk, din il-proposta għandha rabtiet mal-Aġenda Ewropea għall-**ħiliet**<sup>30</sup> u l-għanijiet tagħha li ssaħħaħ il-kompetittività sostenibbli, tiżgura l-ġustizzja soċjali, u tibni r-reżiljenza. F'Mejju 2022, il-Kummissjoni nediet sħubija tal-Patt għall-Ħiliet biex issaħħaħ il-ħiliet tan-nies li jaħdmu fis-settur tal-ekonomija soċjali u tal-prossimità. Alleanza qed timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni għal Kooperazzjoni Settorjali dwar il-Ħiliet b'enfasi fuq l-intrapriżi soċjali attivi fl-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol<sup>31</sup>.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija komplementarja u konsistenti ma' għadd ta' inizjattivi oħra tal-UE.

Dan huwa konformi mal-**Patt Ekoloġiku Ewropew** tal-Kummissjoni Ewropea, pjan biex l-UE ssir newtrali għall-klima u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi sal-2050, u mal-**programm ta' politika tad-Deċennju Diġitali**<sup>32</sup>, viżjoni għas-sovranià diġitali fl-Ewropa bbażata fuq objettivi u prinċipji ċari. B'mod speċifiku, l-ekonomija soċjali tista' tikkontribwixxi għal u tibbenefika minn azzjoni kontinwa skont l-**Istrateġija tal-kompetittività fit-tul**<sup>33</sup>, il-**pjan industrijali tal-Patt Ekoloġiku**<sup>34</sup>, l-**Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Zero Netti**<sup>35</sup> u l-pkan **REPowerEU**<sup>36</sup> biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija Ewropea li ma għandhiex emissjonijiet netti u biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni rapida għan-newtralità klimatika. Sabiex tenfasizza u ssaħħaħ dan ir-rwol, f'Novembru 2022 il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat **Perkors ta' Tranżizzjoni għall-ekosistema industrijali tal-“Ekonomija Soċjali u tal-Prossimità”**<sup>37</sup>, maħluq flimkien mal-partijiet ikkonċernati, li jidentifika erbatax-il qasam ta' azzjoni skont l-istrateġija industrijali tal-UE. Ir-

<sup>29</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ 2020/C 372/01 (ĠU C 372, 4.11.2020, p. 1–9).

<sup>30</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni “*Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza*”, COM(2020) 274 final.

<sup>31</sup> B-WISE huwa proġett iffinanzjat mill-programm Erasmus+, li għandu l-għan li jiżviluppa strateġija Ewropea biex jindirizza l-ħtiġijiet tal-ħiliet, b'mod partikolari l-ħiliet diġitali, fis-settur tal-Intrapriżi Soċjali għall-Integrazzjoni fix-Xogħol.

<sup>32</sup> Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali (ĠU L 323, 19.12.2022, p. 4–26).

<sup>33</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, *Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030*, COM(2023) 168 final.

<sup>34</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, “*Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Zero Netti*”, COM(2023) 62 final.

<sup>35</sup> COM(2023) 161 - Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Zero Netti).

<sup>36</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, “*Il-Pjan REPowerEU*”, COM(2022) 230 final.

<sup>37</sup> Rapport, [Transition pathway for Proximity and Social Economy](#).

**rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-iżguraw ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika**<sup>38</sup> tirrikonoxxi wkoll li l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jistgħu jgħinu biex jiżguraw li din it-tranżizzjoni tkun soċjalment ġusta.

Il-Kummissjoni ħarġet gwida lill-Istati Membri<sup>39</sup> li thegħiġhom jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-aġġornament tal-**pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-enerġija u l-klima** biex jiżguraw il-provvista ta' forza tax-xogħol bil-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni tal-enerġija nadifa. L-entitajiet tal-ekonomija soċjali jistgħu jiġu inklużi f'dawn l-istrumenti ta' pjanar strateġiku.

Il-proposta tappoġġa l-implimentazzjoni tal-**pjan ta' azzjoni dwar l-ekonomija ċirkolari**<sup>40</sup> adottat f'Marzu 2020. Sabiex jiġu indirizzati l-kriżijiet tripliċi tal-klima, tat-telfien tal-biodiversità u tat-tniġġis, il-pjan ta' azzjoni għandu l-għan li jintegra l-azzjoni dwar l-ekonomija ċirkolari biex tinkiseb ekonomija newtrali għall-klima, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva. In-natura transsettorjali tal-ekonomija soċjali u r-rwol pijunier tagħha fil-ħolqien ta' impjiegi marbuta mal-ekonomija ċirkolari jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp tas-settur. B'mod partikolari dan jista' jikkontribwixxi għall-isforz tal-Kummissjoni biex tagħti spinta lill-prodotti sostenibbli xprunat mill-**proposta dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli**<sup>41</sup> u biex jipromwovi t-tiswija u l-użu mill-ġdid ta' oġġetti kif iddikjarat fil-pjan ta' azzjoni dwar l-ekonomija ċirkolari. Il-proposta hija rilevanti wkoll għall-**istrateġija dwar l-SMEs**<sup>42</sup>, li tappoġġa lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fis-setturi kollha billi tnaqqas il-piż regolatorju u ttejjeb l-aċċess għas-swieq u għall-finanzjament.

Fl-aħħar nett, il-proposta tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-**Għanijiet ta' Żvilupp sostenibbli** (SDGs) adottati fl-2015 skont l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli. L-ekonomija soċjali tikkontribwixxi għall-biċċa l-kbira tal-SDGs f'xi forma, b'mod partikolari għall-għan li jintemm il-faqar (SDG 1) u li jiġu żgurati xogħol deċenti u tkabbir ekonomiku (SDG 8). Il-momentum politiku internazzjonali għall-ekonomija soċjali qed jikber, wara l-adozzjoni tar-**Riżoluzzjoni dwar ix-xogħol deċenti u l-ekonomija soċjali u ta' solidarjetà** fil-110 Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol fl-10 ta' Ġunju 2022<sup>43</sup>, ir-**Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar l-ekonomija soċjali u ta' solidarjetà u l-innovazzjoni soċjali**, ukoll fl-10 ta' Ġunju 2022<sup>44</sup>, u l-adozzjoni tar-**Riżoluzzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali u ta' solidarjetà għall-iżvilupp sostenibbli**<sup>45</sup> fit-18 ta' April 2023.

<sup>38</sup> F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-iżguraw ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 35–51).

<sup>39</sup> Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Gwida lill-Istati Membri għall-aġġornament tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima tal-2021 sal-2030 (ĠU C 495, 29.12.2022, p. 24–55).

<sup>40</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropea aktar nadifa u kompetittiva", COM(2020) 98 final.

<sup>41</sup> Il-Proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE (2022/0095 (COD)).

<sup>42</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija, "Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali", (COM/2020/103 final).

<sup>43</sup> [https://www.ilo.org/ilc/ILCSessions/110/reports/texts-adopted/WCMS\\_848633/lang--en/index.htm](https://www.ilo.org/ilc/ILCSessions/110/reports/texts-adopted/WCMS_848633/lang--en/index.htm).

<sup>44</sup> <https://www.oecd.org/cfe/leed/social-economy/social-economy-recommendation/>.

<sup>45</sup> <https://unsse.org/wp-content/uploads/2023/04/A-77-L60.pdf>.

## **2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-proposta se tkun ibbażata fuq l-Artikolu 292 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Artikolu 149 tat-TFUE u l-Artikolu 153 tat-TFUE punti (h) u (j).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta tippovdi rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri dwar strateġiji u politiki li jirrikonoxxu, jappoġġaw u jibnu fuq il-kontribuzzjonijiet li l-ekonomija soċjali tagħmel biex tgħin lin-nies jaċċessaw is-suq tax-xogħol u l-inklużjoni soċjali. Dan jinkludi rakkomandazzjonijiet dwar azzjoni biex jiġi appoġġat żvilupp uniformi tal-ekonomija soċjali madwar l-UE u dwar il-promozzjoni ta' approċċi innovattivi għall-impjiegi f'kollaborazzjoni mas-settur. Din tissodisfa l-prinċipju tas-sussidjarjetà peress li tistabbilixxi prinċipji ewlenin, li huma partikolarment utli għall-Istati Membri fejn is-settur huwa inqas żviluppat, filwaqt li tagħti flessibilità lill-Istati Membri f'kif se jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet.

B'mod partikolari, il-proposta tqis il-firxa wiesgħa fit-tradizzjonijiet, fl-ambitu u fit-termini użati fl-ekonomija soċjali fl-Istati Membri. Dan ma jaffettwax b'mod sinifikanti l-ekwilibriju finanzjarju tal-Istati Membri jew il-kapaċità tagħhom li jżommu jew li jġibu f'politiki aktar ambizzjużi.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tappoġġa u tikkomplementa l-azzjoni tal-Istati Membri biex itejbu l-aċċess għas-suq tax-xogħol u l-inklużjoni soċjali permezz ta' miżuri li jgħinu fil-ħolqien ta' ambjent ta' appoġġ għall-ekonomija soċjali. Hija tirrikonoxxi l-ammont vast ta' prattiki u sistemi nazzjonali u tirrikonoxxi li ċirkostanzi nazzjonali, reġjonali jew lokali differenti jistgħu jwasslu għal differenzi fil-mod kif jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet. B'riżultat ta' dan, l-Istati Membri għandhom il-flessibilità li jfasslu l-implimentazzjoni tal-proposta għaċ-ċirkostanzi uniċi tagħhom.

Il-prinċipju tal-proporzjonalità kien ċentrali biex jintgħażel l-istrument it-tajjeb għall-proposta.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument ippreferut huwa proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Din tibni fuq il-korp eżistenti tad-dritt u politika tal-UE u hija allinjata mat-tip ta' strumenti disponibbli għall-azzjoni tal-Unjoni dwar l-impjiegi u l-politika soċjali. Bħala strument legali mhux vinkolanti, rakkomandazzjoni tirrifletti l-premessa li l-Istati Membri għandhom kompetenza legali dwar il-politika soċjali. Tirrifletti wkoll il-varjetà fit-tradizzjonijiet, fl-ambitu, fit-termini u fil-livelli ta' żvilupp tal-ekonomija soċjali madwar l-UE. Rakkomandazzjoni tindika l-impenn tal-Istati Membri għall-oġġettivi u l-miżuri fit-test u tippovdi bażi b'saħħitha għall-kooperazzjoni fil-livell tal-UE f'dan il-qasam.

## **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni wettqet proċess ta' konsultazzjoni estensiv li jinvolveja lill-pubbliku ġenerali u firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati dwar din l-inizjattiva. Il-proċess kien jinkludi l-pubblikazzjoni ta' “**sejħa għal evidenza**”, opinjoni ta' prospettiva mill-**Kumitat Ewropew tar-Reġjuni**, u laqgħat mas-**sħab soċjali**, mal-**organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili**, mal-**Kumitat tal-Impjegi** u mal-**Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali**, u mal-**Grupp ta' Esperti dwar l-ekonomija soċjali u l-intrapriżi soċjali**. **L-Intergrupp tal-Ekonomija Soċjali tal-Parlament Ewropew** u l-**Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew** (permezz tal-Kategorija tal-Ekonomija Soċjali) ukoll ta kontribut dwar il-kamp ta' applikazzjoni mistenni tal-proposta.

L-għan ta' dawn il-konsultazzjonijiet kien li tinkiseb ħarsa ġenerali bbilanċjata tat-tipi kollha ta' partijiet ikkonċernati– l-Istati Membri, l-entitajiet tal-ekonomija soċjali, l-intermedjarji ta' finanzjament u l-akkademiċi. Il-proċess ta' konsultazzjoni pprova għarfien li kkontribwixxa għall-ħidma preparatorja u għab perspettivi addizzjonali għall-proposta. Id-dettalji dwar il-proċess ta' konsultazzjoni huma analizzati **fid-dokument ta' ħidma tal-persunal** li jakkumpanja din il-proposta.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Minbarra l-kontribut riċevut matul il-proċess ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, il-proposta hija sostnuta minn evidenza estensiva miġbura matul dawn l-aħħar snin dwar oqfsa ta' politika u legali għall-ekonomija soċjali. Is-sorsi ewlenin ta' evidenza kienu:

- l-[immappjar tal-2020 tal-ekosistemi tal-intrapriżi soċjali fil-pajjiżi kollha tal-UE](#), li għalihom ir-riċerkaturi kkonstataw lil aktar minn 750 parti kkonċernata, inklużi dawk li jfasslu l-politika, rappreżentanti tal-intrapriżi soċjali, networks tal-intrapriżi soċjali u organizzazzjonijiet ta' appoġġ oħrajn, akkademiċi u esperti minn madwar l-Istati Membri kollha u lil hinn minnhom;
- [l-Għodda Better Entrepreneurship Policy](#), ir-[rieżamijiet fil-fond dwar il-politika dwar l-intraprenditorija soċjali](#) f'diversi Stati Membri, u l-gwidi internazzjonali dwar il-[Kejl tal-Impatt Soċjali għall-Ekonomija Soċjali u ta' Solidarjetà](#) u dwar l-[Oqfsa Legali għall-Ekonomija Soċjali u ta' Solidarjetà](#) żviluppata f'kooperazzjoni mal-OECD;
- ir-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar l-ekonomija soċjali u ta' solidarjetà u l-innovazzjoni soċjali adottata fl-10 ta' Ġunju 2022 u l-[Policy Guide on Social Impact Measurement for the Social and Solidarity Economy](#);
- l-istudju [Recent evolutions of the social economy in the European Union](#) tal-2017 imwettaq miċ-Ċentru Internazzjonali tar-Riċerka u tal-Infurmazzjoni dwar l-Ekonomija Pubblika, Soċjali u tal-Kooperattivi għall-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew;
- l-[istudju tal-2020 dwar l-impatt tal-inizjattiva tan-negozju soċjali tal-Kummissjoni tal-2011](#) u l-azzjonijiet ta' segwitu tagħha, ibbażat fuq aktar minn 300 intervista mwettqa ma' varjetà kbira ta' partijiet ikkonċernati minn madwar l-Istati Membri kollha tal-UE; u
- it-[Transition pathway on Proximity and Social Economy](#) u l-kontributi riċevuti matul il-proċess ta' kokreazzjoni.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-istrument propost – rakkomandazzjoni tal-Kunsill – joffri gwida dwar kif jiġu adattati l-oqfsa ta' politika u legali biex jiġu appoġġati l-entitajiet tal-ekonomija soċjali u jagħti lill-

Istati Membri l-flessibilità li jfasslu u jimplimentaw miżuri f'konformità mal-prattiki nazzjonali tagħhom u skont in-natura tal-ekosistemi tal-ekonomija soċjali tagħha. Konsegwentement, ma hija meħtieġa l-ebda valutazzjoni tal-impatt.

Il-proposta għandha l-potenzjal li ttejjeb l-ambjent abilitanti għall-ekonomija soċjali, speċjalment fl-Istati Membri fejn l-ekonomija soċjali hija inqas żviluppata. Dan se jgħin biex jinkiseb żvilupp aktar uniformi tas-settur madwar l-UE.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Din ir-Rakkomandazzjoni tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-ekonomija soċjali tagħti prijorià lir-responsabbiltà soċjali u ambjentali, lill-parteċipazzjoni u lill-governanza demokratika, li huwa allinjat mal-fokus tal-Karta fuq il-promozzjoni tal-ugwaljanza u tas-solidarjetà.

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja għall-baġit tal-UE.

#### **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-  
evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-paragrafu (23) jirrakkomanda li l-Istati Membri jadottaw jew jaġġornaw l-istrateġiji tal-ekonomija soċjali tagħhom fi żmien 18-il xahar mill-adozzjoni tal-proposta.

Il-paragrafu (24) jirrakkomanda lill-Istati Membri jirrieżaminaw u jtejbju l-istruttura amministrattiva u istituzzjonali tagħhom fil-livelli kollha ta' governanza.

Il-paragrafu (25) jirrakkomanda lill-Istati Membri jimmonitorjaw u jevalwaw l-implimentazzjoni tagħhom tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill fil-livell nazzjonali u jinvolvu lill-awtoritajiet reġjonali u lokali u lill-partijiet ikkonċernati fil-proċess. Il-Kummissjoni se ssegwi l-implimentazzjoni permezz ta' konsultazzjonijiet regolari mal-Istati Membri permezz tal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.

Skont il-Paragrafu (26), l-Istati Membri huma mitluba jirrapportaw formalment dwar il-progress tagħhom fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni mhux aktar tard minn erba' snin wara l-adozzjoni tagħha u kull ħames snin wara dan.

Sabiex jiġi minimizzat il-piż amministrattiv fuq il-gvernijiet tal-UE, iż-żmien eżatt tal-ewwel rapport għandu jikkoinċidi mal-qafas ta' rapportar previst mir-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar l-ekonomija soċjali u ta' solidarjetà u l-innovazzjoni soċjali. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni se ttejjbi rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni u se tippreżentah lill-Kumitat tal-Impjiegi u lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali għad-diskussjoni.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-punti 1-3 jindikaw l-oġettivi u l-kamp ta' applikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

Il-punt 4 jipprovdi d-definizzjonijiet ta' ekonomija soċjali u ta' intrapriża soċjali.

Il-punti 5-8 jirrakkomandaw li l-Istati Membri jistabbilixxu miżuri li **jrawmu l-aċċess għas-suq tax-xogħol u l-inklużjoni soċjali** permezz tal-ekonomija soċjali. B'mod aktar speċifiku:

Il-punt 5 jirrakkomanda li l-Istati Membri jistabbilixxu **politiki tas-suq tax-xogħol** biex jappoġġaw lill-impjegati fl-intrapriżi soċjali u r-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol, jappoġġaw il-kollaborazzjoni bejn is-servizzi pubbliċi tal-impjegi, l-entitajiet tal-ekonomija soċjali u n-negozji tradizzjonali biex jilhqgħu aħjar liż-żgħażaġh li ma humiex fl-edukazzjoni, fl-impjieg, jew fit-taħriġ, jipromwovu l-intraprenditorija soċjali bħala mezz biex jinħolqu impjegi għal rashom u impjegi b'mod ġenerali, jippermettu lil aktar persuni b'diżabbiltà jissieħbu fis-suq tax-xogħol, u jipromwovu d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti.

Il-punt 6 jirrakkomanda li l-Istati Membri jirrikonoxxu u jappoġġaw il-kontribut tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali għall-**inklużjoni soċjali** u jinkluduhom fit-tfassil u fl-għoti ta' servizzi soċjali u tal-kura, fl-akkomodazzjoni kif ukoll fl-edukazzjoni u fl-attivitajiet għat-tfal u għaż-żgħażaġh.

Il-punt 7 jirrakkomanda li l-Istati Membri jappoġġaw **it-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet** għall-ekonomija soċjali billi jibnu għarfien dwar il-ħiliet relatat mal-ħtiġijiet tas-suq, jaħdmu flimkien mal-ekonomija soċjali biex jiffaċilitaw it-taħriġ għall-impjegati, bl-għan li jnaqqsu d-diskrepanza fil-ħiliet u jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tagħhom lejn is-suq tax-xogħol, u joħolqu ċentri ta' kompetenza nazzjonali jew tranżnazzjonali dwar l-ekonomija soċjali f'kooperazzjoni mal-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

Il-punt 8 jirrakkomanda lill-Istati Membri biex isaħħu r-rwol tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali biex jappoġġaw **l-innovazzjoni soċjali** u f'setturi ewlenin tal-iżvilupp u l-impjegi lokali, u biex jibnu fuq il-kontribut tal-ekonomija soċjali għal **tranżizzjoni doppja ġusta**, filwaqt li javvanzaw l-iżvilupp ekonomiku u industrijali sostenibbli u l-koeżjoni territorjali.

Il-punti 9-21 jirrakkomandaw lill-Istati Membri jiżviluppaw oqfsa abilitanti għall-ekonomija soċjali billi jfasslu u jimplementaw strateġiji komprensivi għas-settur. B'mod aktar speċifiku:

Il-punt 13 jirrakkomanda li l-Istati Membri jtejbu **l-aċċess għall-finanzjament pubbliku u privat** għall-ekonomija soċjali billi jippermettu lill-ekosistemi tal-finanzi soċjali u jużaw il-finanzjament disponibbli, bħall-fondi tal-UE.

Il-punti 14-16 jirrakkomandaw li l-Istati Membri **jtejbu l-aċċess tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali għas-swieq** billi jrawmu l-użu ta' akkwist pubbliku soċjalment responsabbli f'konformità mal-possibiltajiet offruti mill-qafas legali Ewropew attwali dwar l-akkwist pubbliku u jappoġġaw il-kooperazzjoni bejn l-entitajiet tal-ekonomija soċjali u n-negozji tradizzjonali.

Il-punt 17 jirrakkomanda li l-Istati Membri jagħmlu l-aħjar użu mill-kamp ta' applikazzjoni attwali tar-regoli dwar **l-għajnuna mill-Istat** skont il-liġi tal-UE biex jappoġġaw l-ekonomija soċjali.

Il-punt 18 jirrakkomanda li l-Istati Membri jiżguraw li s-**sistemi tat-tassazzjoni** ma jfixklux l-iżvilupp tal-ekonomija soċjali, jivvalutaw jekk is-sistemi tat-taxxa jħeġġux biżżejjed l-iżvilupp tagħha, u jsaħħu l-filantropija transfruntiera.

Il-punt 19 jirrakkomanda li l-Istati Membri jappoġġaw l-adozzjoni mill-entitajiet tal-ekonomija soċjali ta' **proċessi ta' kejl u ta' ġestjoni tal-impatt soċjali** użati biex jitkejjel u jiġi vvalutat l-impatt soċjali ta' proġett jew organizzazzjoni partikolari.

Il-punti 20-21 jirrakkomandaw lill-Istati Membri **jqajmu sensibilizzazzjoni** dwar l-ekonomija soċjali u l-kontribuzzjonijiet tagħha, inkluż billi jimmonitorjaw l-iżvilupp u l-prestazzjoni tal-ekonomija soċjali permezz tar-**riċerka**, tad-**data** u tal-**istatistika**.

Il-punt 22 jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tappoġġa l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, inkluż permezz ta' azzjoni ta' segwitu.

Il-punti 23-26 jirreferu għall-proċess ta' implimentazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni.



Proposta għal

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 292, flimkien mal-Artikolu 149 u l-Artikolu 153, punti (h) u (j) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni<sup>46</sup>,

Billi:

- (1) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali<sup>47</sup> pproklammat fis-17 ta' Novembru 2017 jistabbilixxi għadd ta' prinċipji biex jiġu appoġġati swieq tax-xogħol u sistemi ta' protezzjoni soċjali ġusti u li jaħdmu tajjeb. Dawn jinkludu l-Prinċipju 1 dwar id-dritt għal edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva, taħriġ u apprendiment tul il-ħajja, il-Prinċipju 2 dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-Prinċipju 3 dwar l-opportunitajiet indaqs, il-Prinċipju 4 dwar l-appoġġ attiv għall-impjiegi, il-Prinċipju 5 dwar l-impjiegi sikuri u adattabbli, u l-Prinċipji 11 u 16-20 dwar il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni tat-tfal, tal-persuni b'diżabbiltà u tal-persuni mingħajr dar, u l-aċċess għal servizzi essenzjali, għall-kura tas-saħħa u għall-kura fit-tul.
- (2) F'Ġunju 2021, il-Kunsill Ewropew, f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Porto<sup>48</sup>, laqa' l-miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030, stabbiliti fil-pjan ta' azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali<sup>49</sup>. Dawn il-miri għandhom l-għan li jiksbu rata ta' impjieg ta' mill-inqas 78 %, b'mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jipparteċipaw fit-taħriġ kull sena, u mill-inqas 15-il miljun persuna inqas f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (li minnhom tal-inqas 5 miljuni huma tfal). L-Istati Membri mbagħad jistabbilixxu miri nazzjonali fit-tliet oqsma kollha biex jgħinu biex jintlaħqu dawn l-għanijiet kondiviżi.
- (3) Minkejja l-progress li sar matul l-aħħar għaxar snin biex jitnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali, fl-2021 kien għad hemm 95,4 miljun persuna f'riskju. Ir-riskju ta' faqar żdied għal persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg, u l-

<sup>46</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni dwar "Il-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-ekonomija soċjali — il-perspettiva lokali u reġjonali" (CDR 5492/2022).

<sup>47</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni "Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali", COM(2021)102 finali.

<sup>48</sup> <https://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2021/05/08/the-porto-declaration/>.

<sup>49</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, COM/2021/102 final.

gravità u d-durata tal-faqar marru għall-aġar f'hafta Stati Membri. L-impjiegi ta' kwalità u sostenibbli huma kruċjali biex tittaffa din il-problema. Bis-saħħa tal-mod kif taħdem l-ekonomija soċjali, l-azzjonijiet tagħha u l-għanijiet li ssegwi, l-ekonomija soċjali għandha rwol ewlieni fit-titjib tal-inklużjoni soċjali u l-aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol. Għalhekk tikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

- (4) L-entitajiet tal-ekonomija soċjali jistgħu joħolqu u jżommu impjiegi ta' kwalità; huma jikkontribwixxu għall-inklużjoni soċjali u għall-inklużjoni fis-suq tax-xogħol ta' gruppi żvantaġġati, u għal opportunitajiet indaqs għal kulħadd. Dan huwa konformi mal-qafas ta' rkupru inklużiv, kif enfasizzat fil-Linji Gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2296<sup>50</sup>. Dawn jistgħu jstimulaw żvilupp ekonomiku u industrijali sostenibbli u jippromwovu l-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini fis-soċjetà. L-entitajiet tal-ekonomija soċjali jagħtu wkoll kontribut sinifikanti għas-sistemi soċjali tal-Ewropa billi jikkomplementaw is-servizzi pubbliċi, jagħtu haġja għda liż-żoni rurali u depopolati tal-Ewropa u jaqdu rwol importanti fil-politika internazzjonali tal-iżvilupp.
- (5) Fid-9 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni Ewropea adottat pjan ta' azzjoni għdid għall-ekonomija soċjali<sup>51</sup>. Il-pjan ta' azzjoni jikkontribwixxi għall-prijorità tal-Kummissjoni Ewropea li tibni "ekonomija għas-servizz tan-nies" u li hija allinjata mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2015 dwar il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali bħala mutur ewlieni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali fl-Ewropa<sup>52</sup>. Fil-pjan ta' azzjoni, il-Kummissjoni ressqet miżuri konkreti li għandhom jiġu implimentati kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali. Il-miżuri jfittxu li jtejbu l-innovazzjoni soċjali, jappoġġaw l-iżvilupp tal-ekonomija soċjali u jisfruttaw il-potenzjal trasformattiv soċjali u ekonomiku tagħha. Il-miżuri jiffukaw fuq il-ħolqien tal-kundizzjonijiet ix-xierqa biex l-ekonomija soċjali tirnexxi, u joħolqu opportunitajiet għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali biex jibdew u jespandu, u jiżguraw li l-ekonomija soċjali u l-potenzjal tagħha jkunu aktar viżibbli. Il-Parlament Ewropew laqa' l-pjan ta' azzjoni fir-risoluzzjoni tiegħu maħruġa fis-6 ta' Lulju 2022<sup>53</sup>.
- (6) L-ekonomija soċjali, imsemmija wkoll f'xi Stati Membri bħala l-ekonomija ta' solidarjetà u/jew l-ekonomija soċjali u ta' solidarjetà, tinkludi firxa wiesgħa ta' entitajiet b'mudelli kummerċjali u organizzattivi differenti li jagħtu prijorità lill-iskop soċjali u/jew ambjentali fuq il-profitt. Dawn l-entitajiet jistgħu jieħdu diversi forom legali, bħal kooperattivi, soċjetajiet ta' benefiċċju mutwu, assoċjazzjonijiet u fondazzjonijiet, u jinkludu wkoll intrapriżi soċjali, li huma rikonoxxuti bħala forma ġuridika speċifika f'xi Stati Membri. Huma jikkondividu l-prinċipji komuni ta' investment mill-għdid tal-biċċa l-kbira tal-profitti tagħhom biex isegwu l-għanijiet soċjali u/jew ambjentali tagħhom u biex iwettqu l-governanza demokratika u/jew parteċipattiva. Il-forma speċifika ta' governanza u ġestjoni adottata mill-entitajiet tal-ekonomija soċjali tvarja skont in-natura, l-iskala u l-kuntest tal-operat tagħhom.

<sup>50</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2296 tal-21 ta' Novembru 2022 dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri (ĠU L 304, 24.11.2022, p. 67–77).

<sup>51</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Bini ta' ekonomija għas-servizz tan-nies: pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali", COM(2021) 778 final.

<sup>52</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali bħala mutur ewlieni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali (15071/15).

<sup>53</sup> Ir-Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2022 dwar il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ekonomija soċjali (2021/2179(INI)).

Għalhekk, il-prinċipju ta' governanza demokratika jew parteċipattiva jieħu form differenti, li jvarjaw mill-involvement dirett tal-membri fil-proċessi ta' governanza sal-involvement rappreżentattiv tal-membri jew tas-sħab f'funzjonijiet separati ta' governanza u ġestjoni. Pereżempju, fil-kooperattivi, fis-soċjetajiet ta' benefiċċju mutwu, u fl-assoċjazzjonijiet, dan il-prinċipju spiss jieħu l-forma ta' "persuna waħda, vot wieħed". Il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-entitajiet tal-ekonomija soċjali huma kkaratterizzati minn sett ta' sistemi u relazzjonijiet ta' kontroll bejn l-aġenti differenti li jipparteċipaw fl-entità, inklużi l-manigġers, is-sħab, l-impjegati u l-benefiċjarji. Billi jlaqqgħu flimkien dawn l-aġenti differenti, l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jippromwovu sforz b'diversi partijiet ikkonċernati ċċentrati fuq kultura ta' parteċipazzjoni, responsabbiltà, u trasparenza u mmirati lejn l-ilħuq ta' għan komuni.

- (7) L-entitajiet tal-ekonomija soċjali spiss jagħmlu ħilithom biex joħolqu opportunitajiet ekonomiċi li jippromwovu l-inklużjoni soċjali u l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' gruppi żvantaġġati, inkluż il-persuni b'diżabbiltà u l-persuni bi kwistjonijiet ta' saħħa mentali. L-intrapriżi soċjali għall-integrazzjoni fix-xogħol huma tip ta' intrapriża soċjali li tiffoka fuq li tgħin lil dawn il-gruppi ta' persuni jintegraw fis-soċjetà u fix-xogħol billi tipprovdi impjiegi f'diversi livelli ta' ħiliet b'kundizzjonijiet tax-xogħol inklużivi u flessibbli. Pereżempju, l-għoti ta' appoġġ lingwistiku lill-ħaddiema migranti u kompiti u ambjenti tax-xogħol adattati għall-persuni b'diżabbiltà jista' joffrirlhom rotta ta' ħruġ mill-faqar u l-esklużjoni soċjali. Dawn l-opportunitajiet ta' impjieg jistgħu jservu bħala pass intermedju lejn setturi oħra tas-suq tax-xogħol, u jgħinu biex jingħelbu l-ostakli għall-impjieg għall-persuni qiegħda fit-tul u għal persuni oħra li qegħdin jesperjenzaw diffikultajiet fl-aċċess għas-suq tax-xogħol.
- (8) In-negozji soċjali ġodda jistgħu jkunu mezz b'saħħtu għall-ħolqien tal-impjiegi u għal bidla soċjali pożittiva. L-ekonomija soċjali tista' tipprovdi opportunitajiet għal xi gruppi sottorappreżentati, bħan-nisa u ż-żgħażaġh biex jidħlu fis-suq tax-xogħol jew jistabbilixxu negozji soċjali. Skont il-Monitoraġġ Intraprenditorjali Globali, huwa stmat li 55 % tal-imprendituri soċjali fid-dinja huma rġiel u 45 % huma nisa, filwaqt li b'mod ġenerali n-nisa li jaħdmu għal rashom jammontaw biss għal nofs l-ammont ta' rġiel. Skont Ewrobarometru riċenti dwar l-attitudnijiet taż-żgħażaġh lejn l-intraprenditorija soċjali, iż-żgħażaġh japprezzaw l-importanza tal-għanijiet soċjali u ambjentali u tat-tmexxija parteċipattiva. L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw modi kif jimminimizaw id-diżinċentivi għal intraprendituri potenzjali, bħall-iżgurar li jżommu aċċess għal protezzjoni xierqa tas-sikurezza soċjali. Xi Stati Membri naqqsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali bħala inċentiv għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali biex jimpjegaw persunal. L-iżgurar li jkun hemm qafas abilitanti għat-trasferimenti tan-negozju lill-impjegati biex jiffurmaw kooperattivi tal-ħaddiema jista' jkun ukoll mod kif tiġi żgurata l-kontinwazzjoni tan-negozji żgħar u tal-familja u biex jiġi evitat it-telf ta' impjiegi, pereżempju f'każ ta' ristrutturar.
- (9) L-entitajiet tal-ekonomija soċjali jippromwovu wkoll l-inklużjoni taż-żgħażaġh, b'mod partikolari ż-żgħażaġh li ma humiex f'impjieg, f'edukazzjoni jew f'taħriġ. Dawn jipprovdu programmi ta' taħriġ u żvilupp tal-ħiliet u apprendistati msemmija fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi<sup>54</sup>, u opportunitajiet ta' impjieg. Għalhekk dawn jikkontribwixxu għall-għanijiet stabbiliti mill-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsemmija fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi –

<sup>54</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi (ĠU C 153, 2.5.2018, p. 1–6).

It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ<sup>55</sup> u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà<sup>56</sup>. Il-finanzjament tal-Unjoni bħall-programm tal-Fond Soċjali Ewropew Plus stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057<sup>57</sup> jista' jappoġġa lill-entitajiet tal-ekonomija soċjali f'dan ir-rwol. Għal dan il-għan, fl-Istati Membri seħħew inizjattivi kollaborattivi ta' suċċess bejn is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali<sup>58</sup>. Skont dawn l-inizjattivi, l-entitajiet tal-ekonomija soċjali għandhom rwol importanti fl-identifikazzjoni ta' persuni fil-bżonn ta' assistenza u fl-iżvilupp ta' pjanijiet imfassla apposta biex jgħinuhom jiksbu integrazzjoni soċjali u okkupazzjonali, inklużi opportunitajiet ta' taħriġ u xogħol.

- (10) L-entitajiet tal-ekonomija soċjali jistgħu jippromwovu kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti billi jinvolvu lill-impjegati fil-governanza u fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom. Il-promozzjoni tad-djalogu soċjali u tan-negozjar kollettiv fl-ekonomija soċjali tista' ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati. L-Istati Membri jistgħu jrawmu u jibnu fuq dan l-aspett tal-ekonomija soċjali u jagħmlu użu mill-għarfien espert tagħha billi jinvolvu lill-entitajiet tal-ekonomija soċjali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol<sup>59</sup>.
- (11) L-ekonomija soċjali tikkontribwixxi għall-Unjoni tal-Ugwaljanza billi tippromwovi l-inklużjoni soċjali ta' gruppi żvantaġġati u sottorappreżentati permezz tal-forniment ta' servizzi soċjali u tal-kura (inklużi l-indukrar tat-tfal, il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul), akkomodazzjoni soċjali u appoġġ għat-tfal u ż-żgħażaġh bi bżonnijiet speċjali. Dawn jgħinu biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi, bħad-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, kemm billi jimpjegaw direttament proporzjon kbir ta' nisa kif ukoll billi jipprovdu servizzi ta' kura li jippermettu lill-indokraturi, li l-maġġoranza tagħhom huma nisa, jissieħbu fis-suq tax-xogħol. Bħala sieħba importanti għas-settur pubbliku, l-ekonomija soċjali tista' tagħti kontribut siewi għat-tfassil u l-forniment ta' servizzi ta' kura residenzjali, tad-dar u bbażati fuq il-komunità. Permezz ta' inizjattivi ta' sħubija, l-awtoritajiet pubbliċi u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jistgħu jipprovdu servizzi ta' kura ta' kwalità għolja, aċċessibbli u affordabbli.
- (12) Is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għandhom rwol kruċjali biex in-nies jiġu mgħammra bil-ħiliet meħtieġa għall-post tax-xogħol, għall-iżvilupp personali u għaċ-ċittadinanza. Dawn jgħinu wkoll biex tiġi żgurata forza tax-xogħol b'ħiliet li tista' tikkontribwixxi għal tranżizzjoni ekoloġika u diġitali doppja ġusta. L-entitajiet tal-ekonomija soċjali jipprovdu opportunitajiet ta' xogħol, taħriġ fuq il-post tax-xogħol, u programmi ta' apprendiment ibbażati fuq ix-xogħol imfassla għall-ħtiġijiet

<sup>55</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar "Pont għall-Impjiegi - It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ" (ĠU C 372, 4.11.2020, p. 1–9).

<sup>56</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 10–25).

<sup>57</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21–59).

<sup>58</sup> Eżempju partikolari huwa l-appoġġ tal-Belġju pprovdut lil "*collectief maatwerk*", li jinkludi appoġġ finanzjarju lill-intrapriżi soċjali għall-integrazzjoni fix-xogħol.

<sup>59</sup> Eżempju partikolari huwa l-inizjattiva Franċiża, *Territoires Zéro Chômeurs de Longue Durée*, li għandha l-għan li tiġġield il-qgħad fit-tul billi tistabbilixxi organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ f'żoni b'rati għoljin ta' qgħad fit-tul biex timpjega residenti lokali fuq kuntratti permanenti biex iwettqu attivitajiet utli għall-komunità, bħar-riċiklaġġ, il-indukrar tat-tfal u l-ġardinaġġ komunitarju. Inizjattivi simili ġew introdotti fi Groeningen fin-Netherlands u f'Maripentaal fl-Awstrija.

tal-individwi u tal-ekonomija lokali. Dawn għandhom il-potenzjal li jgħinu fl-introduzzjoni ta' kontijiet individwali ta' apprendiment imsemmija fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-16 ta' Ġunju 2022 dwar kontijiet individwali tal-apprendiment<sup>60</sup>. Għalhekk, dawn jistgħu jikkontribwixxu għall-kisba ta' forza tax-xogħol b'ħiliet u adattabbli li kapaċi tirrispondi għall-bidliet fis-suq tax-xogħol, li potenzjalment jiffaċilitaw it-tranżizzjoni minn impjeg għall-ieħor u jtaffu n-nuqqas ta' ħaddiema, u b'hekk jikkontribwixxu għat- tkabbir ekonomiku ġenerali. L-Istati Membri jistgħu jisfruttaw dan il-potenzjal meta jibnu informazzjoni dwar il-ħiliet, jiffaċilitaw it-taħriġ, u jfasslu kurrikuli tal-edukazzjoni.

- (13) L-isfidi ppreżentati mit-tranżizzjonijiet doppji u mill-bidla demografika jeħtieġ li jiġu indirizzati fil-livelli reġjonali u lokali biex tinkiseb koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. L-entitajiet tal-ekonomija soċjali ġeneralment joperaw b'mod minn isfel għal fuq, qrib il-komunitajiet, iċ-ċittadini, u l-problemi li jiffaċċjaw, li spiss jaġixxu bħala innovaturi soċjali u jsibu soluzzjonijiet li jistgħu jiżiedu u/jew jiġu replikati u li jikkontribwixxu għal bidla soċjali sistemika. Pereżempju, l-ekonomija soċjali tista' toffri opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet lil ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet minn setturi li għaddejjin minn bidliet kbar u jipprovdu oġġetti bażiċi affordabbli lil gruppi bi dħul baxx. F'żoni remoti u rurali b'inqas offerti ta' impjeg u edukazzjoni, l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jistgħu jipprovdu opportunitajiet tant meħtieġa, u b'hekk dawn ir-reġjuni jsiru aktar attraenti. Għalhekk, l-iżvilupp tal-ekosistemi tal-ekonomija soċjali tal-UE jikkontribwixxi biex jittaffew il-konsegwenzi tat-tixjiħ, tad-depopulazzjoni u ta' xejriet demografiċi oħra, u biex jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku u industrijali lokali, b'mod partikolari fiż-żoni rurali u remoti u fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE, bħal fl-agrikoltura, fil-produzzjoni tal-ikel organiku, u fl-ekonomija blu.
- (14) Il-promozzjoni ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità u ta' ekosistemi favorevoli għall-innovazzjoni soċjali ssaħħaħ l-ekonomija soċjali u tixpruna t-tibdil għal ekonomija newtrali għall-klima f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew<sup>61</sup> u mal-pjan industrijali tal-Patt Ekoloġiku<sup>62</sup>. Minħabba r-rwol importanti tal-ekonomija soċjali fl-iżvilupp tal-ekonomija ċirkolari, it-tfassil ta' miżuri ta' politika industrijali trasversali u koerenti dwar l-użu mill-ġdid, it-tiswija, u r-riċiklaġġ jista' jippromwovi suq li jiffunzjona għall-materja prima sekondarja, jottimizza l-kontribut tal-ekonomija soċjali għall-oġġettivi stabbiliti mill-pjan ta' azzjoni tal-ekonomija ċirkolari<sup>63</sup>, u jaġhti spinta lill-kompetittività tal-industrija Ewropea b'emissjonijiet netti zero. Entitajiet tal-ekonomija soċjali li joperaw fil-qasam diġitali wrew il-potenzjal li ċ-ċittadini u n-negożji jingħataw is-setgħa biex jipparteċipaw fi tranżizzjoni diġitali inklużiva u ċċentrata fuq il-bniedem u għandhom rwol attiv fl-ilħuq tal-oġġettivi u l-miri tal-programm ta' politika tad-Deċennju Diġitali 2030 stabbilit bid-Deċiżjoni (UE)

<sup>60</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar kontijiet individwali tal-apprendiment 2022/C 243/03 (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 26–34).

<sup>61</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", COM(2019) 640 final.

<sup>62</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, "Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti", COM(2023) 62 final.

<sup>63</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropea aktar nadifa u kompetittiva", COM(2020) 98 final.

2022/2481<sup>64</sup> u d-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali<sup>65</sup>. Biex tagħti spinta lir-reżiljenza ta' din it-tranżizzjoni doppja għal soċjetà ekoloġika u diġitali, il-Kummissjoni aġġornat l-istrateġija industrijali tal-Unjoni tagħha f'Mejju 2021. L-istrateġija tistabbilixxi l-isfidi ffaċċjati mill-14-il ekosistema industrijali, inkluża l-ekosistema tal-ekonomija soċjali u tal-“prossimità”.

- (15) Sabiex l-ekonomija soċjali tkun tista' tissodisfa l-potenzjal tagħha fl-appoġġ tal-aċċess għas-suq tax-xogħol, l-inklużjoni soċjali, l-iżvilupp tal-ħiliet, il-koeżjoni territorjali u l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli, teħtieġ qafas abilitanti. Peress li l-ekonomija soċjali hija influwenzata minn politiki u dispożizzjonijiet orizzontali u settorjali, qafas abilitanti jeħtieġ li jqis il-karatteristiċi speċifiċi tal-ekonomija soċjali u l-ostakli addizzjonali li l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jiffaċċjaw fl-iżvilupp tagħhom li jillimitaw l-ambitu tagħhom biex joperaw flimkien man-negozji ġenerali. L-entitajiet tal-ekonomija soċjali ma jfittxux li jimmassimizzaw il-kisbiet u l-profitti fl-effiċjenza iżda li joħolqu eżiti pożittivi tas-soċjetà. Dawn jeħtieġu miżuri ta' appoġġ u ambjenti finanzjarji, amministrattivi u legali favorevoli li jqisu l-karatteristiċi speċifiċi tal-mudelli tan-negozju tagħhom f'termini ta' governanza, allokkazzjoni tal-profitti, kundizzjonijiet tax-xogħol u impatt. Dawn il-miżuri jippermettulhom, pereżempju, jimpjegaw ħaddiema li huma inqas produttivi jew jipprovdu servizzi soċjali bi prezzijiet aċċessibbli. Huma meħtieġa strateġiji komprensivi biex jiġu stabbiliti oqfsa abilitanti. Dan jista' jinvolvi l-adozzjoni ta' miżuri regolatorji jew l-implimentazzjoni jew l-aġġustament ta' politiki u inizjattivi biex jiġu appoġġati l-kontribuzzjonijiet tal-ekonomija soċjali għall-għanijiet soċjali u ambjentali u jittejjeb il-valur ekonomiku u industrijali tagħhom. Jenħtieġ li dawn l-istrateġiji jsegwu l-progress u jkejlu l-effettività tal-inizjattivi, jagħmlu aġġustamenti u titjib kif meħtieġ, u eventwalment jirriżultaw f'eżiti mis-settur aktar effiċjenti li jħallu impatt. Jista' jkun hemm bżonn li jiġu adottati strateġiji f'livelli differenti ta' ggvernar (nazzjonali, reġjonali u lokali) skont l-organizzazzjoni u l-kuntest istituzzjonali f'kull Stat Membru. Ir-reġjuni u livelli subnazzjonali oħra jistgħu jadottaw strateġiji tal-ekonomija soċjali li huma marbuta b'mod ċar mal-oġettivi u l-prijoritajiet tal-iżvilupp reġjonali, filwaqt li jimmassimizzaw il-benefiċċji mutwi.
- (16) Huwa essenzjali li l-partijiet ikkonċernati tal-ekonomija soċjali jiġu involuti għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrateġiji tal-ekonomija soċjali. Diversi Stati Membri diġà stabbilew gruppi ta' livell għoli li jrawmu d-dialogu bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali<sup>66</sup>. In-networks rappreżentattivi tal-ekonomija soċjali jistgħu jkunu wkoll pjattaforma għal azzjoni kollettiva, dawn jistgħu jiffaċilitaw il-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, u joħolqu opportunitajiet għall-bini tal-kapaċità u t-tagħlim bejn il-pari.
- (17) L-appoġġ finanzjarju pubbliku għandu rwol importanti biex jippermetti l-bidu u l-iżvilupp tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali. B'mod ġenerali, l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jsibu diffikultajiet akbar fl-aċċess għar-riżorsi finanzjarji minn intrapriżi oħra. Pereżempju, minkejja li sar xi titjib, analiżi tas-swieq finanzjarji tal-intrapriżi soċjali

<sup>64</sup> Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali (ĠU L 323, 19.12.2022, p. 4–26).

<sup>65</sup> Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali, COM(2022) 28 final.

<sup>66</sup> Pereżempju, il-Kunsill Għoli Franċiż tal-Ekonomija Soċjali u s-Solidarjetà, il-Kunsill Spanjol għall-Iżvilupp tal-Ekonomija Soċjali, u l-Kunsill Nazzjonali Portugiż għall-Ekonomija Soċjali.

żvelat spariġġ persistenti bejn id-domanda u l-provvista ta' finanzjament għall-intrapriżi soċjali fl-Ewropa, f'termini kemm ta' aċċess għad-dejn kif ukoll għall-ekwità. Billi l-entitajiet tal-ekonomija soċjali għandhom l-għan li jġġeneraw impatti soċjali u/jew ambjentali pożittivi u jistgħu biss jiddistribwixxu l-profitti lill-finanzjaturi u lis-sidien tagħhom sa ċertu punt limitat, jekk ikun jistgħu, ġeneralment ma jkunux adattati tajjeb għall-investituri li jfittxu redditi finanzjarji sinifikanti. Il-miżuri ta' appoġġ disponibbli biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni għandhom it-tendenza li jkunu irregolari u jvarjaw b'mod konsiderevoli fl-effettività tagħhom. Il-miżuri jvarjaw minn għotjiet u sussidji għal servizzi ta' konsulenza u ta' bini tal-kapaċità u ħafna drabi jiġu pprovduti minn inkubaturi. Għalhekk, għad hemm lok kbir għal titjib fil-provvista ta' finanzjament imfassal apposta għal stadji differenti taċ-ċiklu tal-ħajja ta' entità tal-ekonomija soċjali, u aktar appoġġ għall-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat u ta' miżuri komplementari oħra jista' jkun utli biex jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali. Approċċ partikolari jinvolvi l-għoti ta' għażla lil dawk l-individwi li jfaddlu u lill-impjegati li jipparteċipaw fi pjanijiet ta' rtirar jew ta' tfaddil iffinanzjati mill-impjegaturi biex jagħżlu pjan ta' tfaddil li jinvesti porzjon mit-tfaddil tagħhom f'intrapriża soċjali<sup>67</sup>.

- (18) L-Unjoni ttiprovdi ħafna opportunitajiet ta' finanzjament biex tappoġġa l-ekonomija soċjali. Il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1058<sup>68</sup>, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1056<sup>69</sup>, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1305/2013<sup>70</sup>, il-programm tas-suq uniku stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/690<sup>71</sup>, il-programm InvestEU stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/523<sup>72</sup>, u, fejn rilevanti, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241<sup>73</sup>, kollha jipprovdu finanzjament. L-Unjoni ttiprovdi wkoll appoġġ konsultattiv permezz tal-pjattaforma fi-compass għat-tfassil ta' strumenti finanzjarji fil-qafas tal-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni. L-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet reġjonali u lokali, jistgħu jagħmlu użu aħjar minn dawn l-opportunitajiet billi jadottaw miżuri speċifiċi għall-ekonomija soċjali. L-appoġġ tekniku<sup>74</sup> huwa strument ieħor tal-Unjoni disponibbli biex tittejjeb il-kapaċità tal-Istati Membri li jfasslu u jimplementaw politiki biex tissaħħaħ l-ekonomija soċjali.

<sup>67</sup> Pereżempju “Les Fonds Communs de Placement d'Entreprise solidaires” fi Franza.

<sup>68</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60-93).

<sup>69</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1-20).

<sup>70</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487-548).

<sup>71</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-animali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014 u (UE) Nru 652/2014 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 1-47).

<sup>72</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30-89).

<sup>73</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17-75).

<sup>74</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku, (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1-16).

- (19) Il-provvista ta' oġġetti u servizzi u l-ħidma kemm mal-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll man-negozji tradizzjonali huma kritiċi għall-iżvilupp tal-ekonomija soċjali, għall-ġenerazzjoni tad-dħul u biex l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jiġu megħjuna jsiru finanzjarjament awtosuffiċjenti. Bis-saħħa tal-ambitu għall-flessibbiltà skont ir-regoli tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jużaw l-akkwist pubbliku b'mod aktar strateġiku billi jistabbilixxu kriterji innovattivi, ekoloġiċi u soċjali, li fl-aħħar mill-aħħar jikkontribwixxu għal ekonomija aktar sostenibbli, inklużiva u kompetittiva. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-offerti għadhom jingħataw biss abbażi tal-prezz. Peress li l-entitajiet tal-ekonomija soċjali għandhom l-għan li jipprovdu benefiċċji għas-soċjetà u kollettivi aktar milli jipprovdu servizzi bl-inqas prezz, huma jsibu diffikultà biex jikkompetu fi proċessi regolari tal-akkwist pubbliku, minkejja l-fatt li jistgħu jipprovdu valur miżjud usa' għall-proċess ta' akkwist. Hemm ukoll lok biex tiżdied il-kapaċità tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali li jagħmlu n-negozju, inkluż permezz ta' integrazzjoni aktar sistematika fil-ktajjen tal-valur tan-negozji tradizzjonali u sħubija magħhom biex jagħmlu offerti konġunti għall-akkwist pubbliku u joħlqu opportunitajiet ġodda għas-suq.
- (20) L-awtoritajiet pubbliċi spiss ma jagħmlux l-aħjar użu mill-ambitu kurrenti skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat biex jappoġġaw l-ekonomija soċjali, fejn is-suq waħdu ma jkunx jista' jikseb aċċess sodisfaċenti għas-suq tax-xogħol u għall-inklużjoni soċjali, u jillimitaw lilhom infushom għal miżuri taħt il-limitu *de minimis* ġenerali u ma jużawx l-għażla li jistabbilixxu miżuri skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014<sup>75</sup> (ir-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija) bħall-għajnuna reġjonali, l-għajnuna għall-finanzjament tar-riskju, u l-għajnuna għar-reklutaġġ ta' ħaddiema żvantaġġati. Fir-rigward tal-għajnuna *de minimis*, din bħalissa hija limitata għal EUR 200 000 fuq tliet snin, iżda r-regoli attwali se jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2023 u qegħdin fil-proċess li jiġu riveduti. Ir-regoli tal-Unjoni li jirregolaw is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali joffru wkoll ambitu biex tiġi awtorizzata l-għajnuna mill-Istat, iżda l-awtoritajiet pubbliċi spiss ma jagħmlux użu sħiħ minn dawn l-għażliet, b'mod partikolari għas-servizzi soċjali fil-qasam tal-integrazzjoni fix-xogħol ta' persuni vulnerabbli.
- (21) Il-politika tat-tassazzjoni jista' jkollha wkoll rwol sinifikanti fit-trawwim tal-ekonomija soċjali u fl-iżgurar li l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jkunu jistgħu joperaw flimkien man-negozji tradizzjonali, fil-ħolqien ta' ambjent tan-negozju aktar ekwu filwaqt li jikkontribwixxu għall-inklużjoni soċjali u għal aċċess imtejjeb għall-impjegi. Xi Stati Membri stabbilew qafas ta' tassazzjoni konsistenti li jħeġġeġ l-iżvilupp tas-settur, inklużi inċentivi tat-taxxa mfassla għall-ħtiġijiet tal-ekonomija soċjali, filwaqt li jirrikonoxxu d-diversità tiegħu u jipprevjenu l-frammentazzjoni. L-istabbiliment ta' inċentivi tat-taxxa mfassla tajjeb għad-donazzjonijiet lil entitajiet tal-ekonomija soċjali ta' benefiċċju pubbliku jista' jstimula l-finanzjament tagħhom, anki bejn il-fruntieri tal-Unjoni f'konformità mal-prinċipju tat-Trattat tan-nondiskriminazzjoni. Għad hemm ostakli amministrattivi f'diversi Stati Membri fir-rigward ta' donazzjonijiet ta' benefiċċju pubbliku bejn il-fruntieri tal-Istati Membri, u nuqqas ta' trasparenza dwar id-dokumenti meħtieġa biex wieħed jikkwalifika għal status ta' benefiċċju pubbliku. Il-ħruġ ta' formoli standardizzati tal-entità riċevitur stabbilita fi Stat Membru ieħor jista' jnaqqas l-ostakli amministrattivi. Bħala l-ewwel

<sup>75</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1-78).



pass, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu traduzzjonijiet tal-formoli nazzjonali fil-lingwi użati minn Stati Membri oħra. Bħala t-tieni pass, l-Istati Membri jistgħu jesploraw l-iżviluppar ta' formoli standard dwar it-taxxa diretta għal donazzjonijiet transfruntiera.

- (22) Il-proċessi tal-kejl u tal-ġestjoni tal-impatt soċjali huma partikolarment importanti għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali peress li dawn jippermettulhom jifhmu u jikkomunikaw l-impatt tagħhom u jaċċessaw il-finanzjament xprunat mill-impatt. Il-kejl tal-impatt soċjali jinvolvi l-użu ta' metriċi u għodod biex jitkejjel l-impatt soċjali ta' intervent jew inizjattiva partikolari. Il-ġestjoni tal-impatt soċjali tinvolvi l-bini tas-sistemi, tal-proċessi u tal-kapaċitajiet li organizzazzjoni teħtieġ li timmaniġġa u żżid b'mod proattiv l-impatt tagħha. Iżda l-firxa wiesgħa ta' oqfsa u għodod disponibbli tista' tkun sfida, b'mod partikolari għal entitajiet b'inqas riżorsi. Il-monitoraġġ tal-eżiti soċjali tal-investimenti pubbliċi jippermetti l-iskrutinju pubbliku, jista' jappoġġa r-raġuni għall-użu tal-flus tal-kontribwenti biex jappoġġa entitajiet jew attivitajiet tal-ekonomija soċjali, u jista' jgħin biex jipprevjeni t-"tibjid tal-impatt" (dikjarazzjoni eċċessiva jew falza tal-impatt). Approċċi tal-kejl u tal-ġestjoni tal-impatt soċjali li huma kkunsidrati sew, proporzjonati u adattati għall-ħtiġijiet ta' entitajiet individwali jistgħu jkunu ta' għajjuna f'dan ir-rigward. Jenħtieġ li dawn ikunu bbażati fuq metodi u indikaturi standard, kif ukoll fuq fatturi bħad-daqs, l-istadju tal-iżvilupp, u d-diversità tal-entitajiet.
- (23) Il-viżibbiltà u r-rikonoxximent tal-ekonomija soċjali fil-livelli nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni tjeibu matul l-aħħar għaxar snin. Madankollu, il-potenzjal tas-settur f'ħafna pajjiżi tal-Unjoni għadu mhux sfruttat. Nuqqas ta' koordinazzjoni u skambju bejn il-pajjiżi jipperpetwa d-differenzi fl-iżvilupp tal-ekonomija soċjali, għalhekk hemm opportunità ċara għall-Istati Membri li jiggwadanjaw billi jitgħallmu u jikkondividu l-aħjar prattiki. Hemm ukoll għarfien limitat fost il-pubbliku ġenerali dwar l-ekonomija soċjali u l-kontribuzzjonijiet pożittivi li dan jagħmel. Dan jista' jfikkell l-iżvilupp ta' politiki ta' appoġġ u opportunitajiet tas-suq għall-ekonomija soċjali. Ir-regolamentazzjoni filwaqt li tiġi żgurata li l-leġiżlazzjoni ġdida tissodisfa l-ħtiġijiet tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali tista' tqajjem kuxjenza u tagħtihom leġittimità akbar, filwaqt li tiffaċilita l-aċċess għall-finanzi u s-swieq. L-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati nedew diversi inizjattivi, bħal forom legali, tikketti u statusijiet speċifiċi<sup>76</sup> għall-ekonomija soċjali, u kampanji ta' komunikazzjoni fuq skala kbira, biex iżidu l-fehim u l-viżibbiltà tal-ekonomija soċjali. Riformi oħra ta' suċċess jinkludu l-ħolqien ta' unitajiet ministerjali speċifiċi għall-ekonomija soċjali u djalogu msaħħa bejn il-partijiet ikkonċernati u l-awtoritajiet pubbliċi. It-tiħiħ tal-viżibbiltà tal-ekonomija soċjali huwa kruċjali biex jiġi rikonoxxut bis-sħiħ l-impatt pożittiv tagħha fuq is-soċjetà, kif enfasizzat fil-pjan ta' azzjoni tal-ekonomija soċjali bit-tnedija ta' gateway tal-ekonomija soċjali.
- (24) *Data* u statistika akkurati huma kruċjali biex jittejjeb il-fehim tal-mudelli ta' negozju tal-ekonomija soċjali u biex jittieħdu deċiżjonijiet ta' politika bbażati fuq l-evidenza. Madankollu, hemm nuqqas ta' *data* affidabbli dwar l-ekonomija soċjali, inkluża *data* dwar il-valur miżjud ekonomiku u l-prestazzjoni tagħha. Id-*data* eżistenti spiss ma tkunx kompluta u tkun diffiċli biex titqabbel. Pereżempju, huma biss ftit l-Istati Membri li espandew is-sistemi nazzjonali ta' kontabbiltà tagħhom biex jiġbru *data* supplimentari (bħal f'kontijiet satellita) dwar l-ekonomija soċjali, minkejja l-appoġġ

<sup>76</sup> L-istatusijiet/il-kwalifiki legali, xi kultant imsejħa wkoll tikketti, huma distinti mill-forom legali peress li jistgħu jiġu adottati minn varjetà ta' forom legali, inklużi organizzazzjonijiet bi skop ta' qligħ u mingħajr skop ta' qligħ.

finanzjarju disponibbli mill-baġit tal-UE. L-ekonomija soċjali normalment ma tiġix inkluża fl-istatistika strutturali tan-negozju, pereżempju meta l-istatistika tkun mibnija fuq *data* ekonomika ġġenerata minn negozji bi skop ta' qligħ, u l-entitajiet tradizzjonali tal-ekonomija soċjali jiġu inklużi biss f'kategoriji residwi. Billi jsiru disponibbli statistika essenzjali dwar id-daqs, il-forza tax-xogħol, l-iżvilupp u l-isfidi tal-ekonomija soċjali, l-istrateġiji u l-miżuri stabbiliti jkunu aktar effiċjenti u aġġustati għas-sitwazzjonijiet differenti fis-settur.

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

## L-OBJETTIV

1. F'konformità mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-għan ta' din ir-Rakkomandazzjoni huwa li trawwem l-aċċess għas-suq tax-xogħol u l-inklużjoni soċjali billi tiggwida lill-Istati Membri fil-promozzjoni ta' oqfsa ta' politika u regolatorji abilitanti għall-ekonomija soċjali u/jew miżuri li jiffaċilitaw l-iżvilupp tagħha.  
Sabiex jintlaħqu dawn l-oġġettivi, l-Istati Membri huma rakkomandati li jaħdmu flimkien mal-partijiet ikkonċernati biex jirrikonossu, jappoġġaw u jibnu fuq il-kontribuzzjonijiet magħmula mill-ekonomija soċjali.
2. Din ir-Rakkomandazzjoni tfittex li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u li tgħin biex jintlaħqu t-tliet miri ewlenin tal-Unjoni għall-impjiegi, il-ħiliet, u t-tnaqqis tal-faqar sal-2030.
3. Bil-promozzjoni tal-ekonomija soċjali, din ir-Rakkomandazzjoni tfittex ukoll li tistimula l-iżvilupp ekonomiku u industrijali ġust u sostenibbli u li tikkontribwixxi għall-koeżjoni territorjali madwar l-Istati Membri.

## ID-DEFINIZZJONI

4. Għall-fini ta' din ir-Rakkomandazzjoni, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:
  - (a) "ekonomija soċjali" tfisser entitajiet privati, indipendenti mill-awtoritajiet pubbliċi, li jipprovdu oġġetti u servizzi lill-membri tagħhom jew lis-soċjetà, li jinkludu kooperattivi, soċjetajiet ta' benefiċċju mutwu, assoċjazzjonijiet (inklużi organizzazzjonijiet tal-karità), fondazzjonijiet u intrapriżi soċjali li joperaw f'konformità mal-prinċipji u l-karatteristiċi ewlenin li ġejjin:
    - l-ewwel jiġu n-nies u l-għan soċjali u/jew ambjentali, mhux il-profit; u
    - l-investment mill-ġdid tal-biċċa l-kbira tal-profitti u tas-surpluses biex ikomplu jsegwu l-għanijiet soċjali u/jew ambjentali tagħhom u jwettqu attivitajiet fl-interess tal-membri/tal-utenti ("interess kollettiv") u/jew tas-soċjetà inġenerali ("interess ġenerali"); u
    - governanza demokratika u/jew parteċipattiva.
  - (b) "intrapriża soċjali" tfisser entità li tipprovdi oġġetti u servizzi għas-suq b'mod intraprenditorjali u f'konformità mal-prinċipji u l-karatteristiċi tal-ekonomija soċjali, b'oġġettivi soċjali u/jew ambjentali bħala r-raġuni għall-attività kummerċjali tagħha.

## IT-TRAWWIM TAL-AĊĊESS GĦAS-SUQ TAX-XOGĦOL U L-INKLUŻJONI SOĊJALI PERMEZZ TAL-EKONOMIJA SOĊJALI

### L-aċċess għas-suq tax-xogħol

5. L-Istati Membri huma rakkomandati li jirrikonoxxu u jappoġġaw il-valur miżjud speċifiku tal-ekonomija soċjali billi jiffaċilitaw l-aċċess għas-suq tax-xogħol u jippromwovu impjiegi ta' kwalità għal kulħadd, filwaqt li jtejbu wkoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti. Dan jenħtieġ li jsir fil-qafas ta' tkabbir inklużiv, kif enfasizzat fil-Linji Gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, b'mod partikolari billi:
- (a) jiġu stabbiliti jew imħeġġa inizjattivi ta' sħubija li jinvolvu entitajiet tal-ekonomija soċjali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol;
  - (b) jiġi żgurat li l-awtoritajiet pubbliċi jipprovdu appoġġ suffiċjenti lill-entitajiet tal-ekonomija soċjali bil-għan li jintegraw aħjar fis-suq tax-xogħol lin-nisa, lill-gruppi żvantaġġati u sottorappreżentati (bħall-persuni qiegħda fit-tul, il-persuni li jbatu minn mard mentali, il-persuni inattivi, b'livell baxx ta' ħiliet, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni, ta' minoranza, ta' razza jew etniku (inkluż ir-Rom), iż-żgħażaġh u l-persuni aktar anzjani) permezz ta':
    - i. intrapriżi soċjali għall-integrazzjoni fix-xogħol li jipprovdu impjieg u appoġġ imfassal apposta għal dawn il-gruppi;
    - ii. azzjoni biex tgħin lil dawn il-gruppi ta' nies jippreparaw għall-impjieg permezz ta' esperjenza ta' xogħol f'intrapriżi soċjali għall-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol miftuħ.
  - (c) jiġu appoġġati proġetti kollaborattivi bejn is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, l-awtoritajiet lokali, l-entitajiet tal-ekonomija soċjali u n-negozji tradizzjonali biex joffru gwida għall-karriera mfassla apposta u opportunitajiet ta' apprendiment u taħriġ għaż-żgħażaġh li ma humiex fl-edukazzjoni, fl-impjieg jew fit-taħriġ (NEETs). Dawn l-opportunitajiet jistgħu jinkludu apprendistati, programmi ta' immersjoni professjonali, coaching personali u laqgħat ma' persuni ammirati, u għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, f'konformità mal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ Imsaħħa;
  - (d) tiġi promossa l-intraprenditorija soċjali bħala mezz għat-tħeġġiġ ta' impjieg indipendenti u forom oħra ta' impjieg, l-iżvilupp tal-attività ekonomika lokalment u l-indirizzar tal-isfidi soċjali u ambjentali permezz ta' mudelli ta' negozju innovattivi u inklużivi; filwaqt li biex jinkiseb dan, l-Istati Membri jistgħu, pereżempju:
    - i. jiżguraw li l-intraprendituri soċjali jkollhom aċċess għall-protezzjoni soċjali;
    - ii. jikkunsidraw li jnaqqsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali biex jimpjegaw impjegati ġodda;
    - iii. jidentifikaw, jivvalutaw u jindirizzaw l-iżvantaġġi jew l-ostakli amministrattivi potenzjali biex jinbeda negozju soċjali.
  - (e) ifasslu politiki u jadottaw miżuri li jippromwovu u jissimplifikaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-ekonomija soċjali, pereżempju billi:

- i. jisfidaw in-normi soċjali diskriminatorji u l-istereotipi dwar il-ħiliet tan-nisa u l-irġiel, kif ukoll is-sottovalutazzjoni tax-xogħol tan-nisa;
  - ii. jagħtu appoġġ imfassal apposta biex in-nisa jingħataw is-setgħa billi jitnaqqsu d-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi u fil-pagi u jiżguraw tmexxija ugwali;
  - iii. jipprovdu aċċess għal programmi ta' coaching u ta' mentoraġġ għan-nisa li jixtiequ jkunu intraprendituri u mexxejja soċjali.
- (f) l-iżgurar ta' qafas abilitanti għat-trasferimenti tan-negożju lill-impjegati biex jiffurmaw kooperattivi tal-ħaddiema biex jiġi evitat it-telf ta' impjiegi u tiġi salvagwardjata l-attività ekonomika;
  - (g) jikkollaboraw ma' entitajiet tal-ekonomija soċjali biex aktar persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jingħaqdu fis-suq tax-xogħol, pereżempju billi jiġu żviluppanti teknoloġiji ta' assistenza;
  - (h) jipromwovu d-djalogu soċjali u n-negożjar kollettiv fl-ekonomija soċjali biex jiġi żgurat li l-ħaddiema jkollhom kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, inklużi pagi ġusti, filwaqt li jirrispettaw l-awtonomija tas-sħab soċjali.

### L-inklużjoni soċjali

6. L-Istati Membri huma rakkomandati li jirrikonoxxu u jappoġġaw ir-rwol tal-ekonomija soċjali fl-għoti ta' servizzi soċjali u ta' kura u ta' akkomodazzjoni aċċessibbli u ta' kwalità għolja, b'mod partikolari għal gruppi żvantaġġati, flimkien ma' servizzi soċjali disponibbli għall-pubbliku. Pereżempju, dan jista' jinkludi:
- (a) il-kollaborazzjoni mal-entitajiet tal-ekonomija soċjali fl-oqsma ta' azzjoni rispettivi tagħhom meta jistabbilixxu u jipprovdu servizzi ta' interess ġenerali;
  - (b) l-involviment ta' entitajiet tal-ekonomija soċjali fit-tfassil u fl-għoti ta' servizzi soċjali u tal-kura ċċentriati fuq in-nies, kif enfasizzat mill-istrateġija Ewropea tal-kura;
  - (c) il-ħidma flimkien ma' entitajiet tal-ekonomija soċjali biex ifasslu u jagħtu kura u appoġġ lit-tfal u ż-żgħażaġh, inklużi tfal minn gruppi żvantaġġati, f'konformità mal-Garanzija Ewropea għat-Tfal stabbilita bir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004<sup>77</sup> u l-istrateġija tal-Unjoni dwar id-drittijiet tat-tfal<sup>78</sup>.

### Il-ħiliet

7. L-Istati Membri huma rakkomandati jappoġġaw it-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet għall-ekonomija soċjali, b'mod partikolari billi:
- (a) jużaw l-għarfien eżistenti dwar il-ħiliet li jsegwi l-ħtiġijiet tal-ekonomija u tas-suq tax-xogħol ġenerali biex jifhmu kif l-ekonomija soċjali tista' tikkontribwixxi għall-provvista ta' forza tax-xogħol bil-ħiliet meħtieġa u ttaffi n-nuqqasijiet tax-xogħol;

<sup>77</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal (ĠU L 223/14 22.6.2021).

<sup>78</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni "Strateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal", COM(2021) 142 final.

- (b) jiffaċilitaw it-taħriġ u l-ħiliet fl-ekonomija soċjali billi:
- i. imexxu skambji ta' apprendiment bejn l-entitajiet tal-ekonomija soċjali, l-organizzazzjonijiet ta' taħriġ u l-kumpaniji ġenerali, bil-għan li jittejjbu l-ħiliet maniġerjali, intraprenditorjali u relatati mal-impjiegi meħtieġa għat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi (inklużi l-ħiliet ċirkolari, ta' tiswija u diġitali);
  - ii. iħarrġu mill-ġdid u jtejjbu l-ħiliet tal-istudenti tul il-ħajja, inklużi gruppi żvantaġġati ta' persuni, u l-ġħajnuna tagħhom fit-tranżizzjoni lejn is-suq tax-xogħol miftuħ, f'konformità mal-approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u l-impjegabbiltà;
  - iii. jinkludu taħriġ fuq jew ipprovdut mill-ekonomija soċjali fil-lista ta' taħriġ eliġibbli li għandu jiġi kopert mill-kontijiet ta' apprendiment individwali<sup>79</sup>.
- (c) joħolqu skemi speċifiċi ta' apprendistat fl-ekonomija soċjali li jappoġġaw liż-żgħażaġh, b'mod partikolari lil dawk li ma humiex f'impjieg, f'edukazzjoni jew f'taħriġ, biex itejbu l-ħiliet u jħejjuhom għas-suq tax-xogħol u jippermettu lill-ekonomija soċjali tiżviluppa t-talent fis-settur, f'konformità mal-Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi;
- (d) irawmu l-inklużjoni tal-ħiliet tal-ekonomija soċjali u tal-intraprenditorija soċjali fl-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, speċjalment fil-korsijiet tal-intraprenditorija u tan-negozju, u jipprovdut aċċess għal programmi ta' coaching u ta' mentoraġġ għal entitajiet tal-ekonomija soċjali u għal intraprendituri soċjali;
- (e) joħolqu ċentri nazzjonali ta' kompetenza għat-taħriġ dwar l-ekonomija soċjali u l-parteciġazzjoni f'inizjattivi tranżnazzjonali li jiffaċilitaw l-aċċess għal programmi speċjalizzati ta' edukazzjoni u taħriġ għall-ekonomija soċjali, pereżempju permezz ta' kooperazzjoni ma' fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali li jaħdmu fil-qafas ta' korpi stabbiliti, bħaċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali msemmija fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza<sup>80</sup>.

### **L-innovazzjoni soċjali, l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli u l-koeżjoni territorjali**

8. L-Istati Membri huma rakkomandati li jsaħħu r-rwol ta' appoġġ tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali fil-promozzjoni tal-innovazzjoni soċjali u tas-setturi ewlenin tal-iżvilupp lokali u tal-impjiegi. Dan jista' jinkiseb billi:
- (a) jippromwovu ekosistema favorevoli għall-innovazzjoni soċjali u bbażata fuq il-post billi jiġu ffaċilitati l-inizjattivi ta' kooperazzjoni u sħubija bejn l-entitajiet tal-ekonomija soċjali u ċirkolari, in-negozji tradizzjonali, il-fornituri tal-finanzi, il-gvernijiet lokali u partijiet ikkonċernati oħra. Pereżempju, dan jista' jsir permezz ta':

<sup>79</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar kontijiet individwali tal-apprendiment 2022/C 243/03 (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 26–34).

<sup>80</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza 2020/C 417/01 (ĠU C 417, 2.12.2020, p. 1–16).

- i. il-ħolqien jew it-trawwim ta' ċentri ta' innovazzjoni soċjali jew ta' raggruppamenti ta' innovazzjoni soċjali u ekoloġika mfassla biex jissodisfaw il-ħtiġijiet lokali u jittestjaw soluzzjonijiet konġunti;
  - ii. l-involviment ta' entitajiet tal-ekonomija soċjali fl-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità, inkluż billi jsir użu mill-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni disponibbli;
  - iii. l-interazzjoni maċ-ċentri ta' kompetenza nazzjonali u reġjonali għall-innovazzjoni soċjali biex jinbnew networks, jiżiedu l-kapaċitajiet u s-sinerġiji, jiġu enfasizzati l-effiċjenzi u jiġu żviluppati għodod u metodi essenzjali biex tiġi stimulata l-innovazzjoni soċjali.
- (b) l-iżgurar li l-politika dwar l-ekonomija soċjali tkun marbuta mal-politika industrijali u mat-tranżizzjoni għal ekonomija diġitali u ċirkolari;
  - (c) l-adattament ta' oqfsa regolatorji biex jappoġġaw l-entitajiet tal-ekonomija soċjali fl-ekonomija ċirkolari, pereżempju l-iżgurar li l-inċentivi t-tajba jkunu fis-seħħ għan-negozji biex jagħtu b'donazzjoni u jirritornaw oġġetti mhux mibjugħa lil entitajiet tal-ekonomija soċjali għat-tiswija u l-użu mill-ġdid minflok ma jeqirdu l-oġġetti u għall-individwi biex jagħtu b'donazzjoni oġġetti użati, ħalli jiġi żgurat li l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jkollhom aċċess għall-fluss tal-iskart, jiġu involuti fi strateġiji għall-prevenzjoni tal-iskart, u l-banek tal-ikel jiġu awtorizzati jiġbru l-ikel żejjed;
  - (d) it-trawwim tal-iżvilupp ta' inizzjattivi u ekosistemi bbażati fuq il-komunità tal-ekonomija soċjali, pereżempju, komunitajiet tal-enerġija, soluzzjonijiet ta' mobbiltà kondiżiva, kooperattivi ta' pjattaformi diġitali, l-ġhoti tal-kura, il-kooperattivi agrikoli u l-ktajjen u s-swieq tal-ikel qosra lokali, għaċ-ċittadini biex jaċċessaw prodotti u servizzi bbażati lokalment;
  - (e) it-titjib tal-aċċess tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali għal għodod diġitali u teknoloġiji ġodda bħal sors miftuħ, big data jew intelliġenza artifiċjali.

## **L-IŻVILUPP TA' OQFSA ABILITANTI GĦALL-EKONOMIJA SOĊJALI**

9. L-Istati Membri huma rakkomandati jiżviluppaw oqfsa ta' politika u regolatorji li jippermettu u jappoġġaw l-ekonomija soċjali. Għal dan il-għan, huma mħeġġa jfasslu u jintroduċu strateġiji komprensivi li jirrikonoxxu u jstimulaw l-ekonomija soċjali, f'konformità mal-pjan ta' azzjoni tal-Unjoni għall-ekonomija soċjali u gwida politika oħra tal-Unjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jsegu r-rakkomandazzjonijiet deskritti fil-punti 13 sa 21 filwaqt li jfasslu dawn l-istrateġiji.
10. L-Istati Membri huma rakkomandati jistabbilixxu mekkaniżmi għall-konsultazzjoni u d-djalogu bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-ekonomija soċjali. Dan jista' jinvolvi t-twaqqif ta' gruppi ta' livell għoli u l-appoġġ għall-ħolqien u l-iżvilupp ta' networks rappreżentattivi tal-ekonomija soċjali.
11. Fl-istrateġiji msemmija fil-punt 9, l-Istati Membri jenħtieġ li jirrikonoxxu l-prinċipji, il-karatteristiċi ewlenin u l-kamp ta' applikazzjoni tal-ekonomija soċjali, u jirrikonoxxu li jistgħu jieħdu firxa ta' forom u status legali differenti u huma speċifiċi għal liġijiet u prattiki nazzjonali, reġjonali u lokali differenti.
12. L-Istati Membri huma rakkomandati jinvestu fl-iżvilupp tal-fehim tal-uffiċjali pubbliċi u tal-awtoritajiet tagħhom tal-ekonomija soċjali permezz ta' programmi ta' taħriġ u inizzjattivi tranżnazzjonali u/jew interreġjonali għall-bini tal-kapaċità, inklużi

inizjattivi fil-qafas tal-programm Interreg Europe stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>81</sup>. L-inizjattivi jenħtieġ li jiffukaw fuq it-tagħlim bejn il-pari u fuq il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, b'enfasi partikolari fuq it-trawwim tal-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali, kif ukoll il-partijiet ikkonċernati tal-ekonomija soċjali. Il-Kummissjoni se tappoġġa din il-ħidma kif deskritt fil-punt 22(a)iii.

### **L-aċċess għall-finanzjament pubbliku u privat**

13. L-Istati Membri huma rakkomandati joħlqu ambjent abilitanti għall-finanzjament soċjali fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, b'mod partikolari billi:
- (a) jimmappjaw l-istrutturi ta' finanzjament għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali, l-intermedjarji finanzjarji u l-organizzazzjonijiet ta' appoġġ, u jivvalutaw il-ħtiġijiet tagħhom u l-effettività tal-iskemi ta' appoġġ eżistenti;
  - (b) jiżguraw li l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jkollhom aċċess għall-finanzjament fl-istadju t-tajjeb tal-iżvilupp tagħhom u mfassla għall-ħtiġijiet tagħhom, inklużi għotjiet u sussidji oħra, finanzjament ta' ekwità jew kważi ekwità għall-fażijiet tat-tnedija u tal-bidu, jew dejn, finanzjament ta' ekwità, kważi ekwità, jew finanzjament intermedju matul il-fażi tal-espansjoni, u skemi ta' finanzjament innovattivi, bħal sħubijiet pubbliċi-privati, pjattaformi ta' finanzjament kollettiv, u taħlitiet ta' tipi differenti ta' strumenti finanzjarji jew għotjiet u strumenti finanzjarji;
  - (c) jipromwovu l-aċċess tal-investituri fil-livell tal-konsumatur għal mudelli ta' negozju, setturi, prodotti u servizzi sostenibbli xprunati jew appoġġati mill-ekonomija soċjali;
  - (d) jevalwaw il-kriterji għall-aċċess ta' programmi ta' finanzjament pubbliku, inklużi dawk immirati lejn in-negozji tradizzjonali, biex jiġi żgurat li ma jinħolqux ostakli bla bżonn għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali;
  - (e) jimmobilizzaw il-finanzjament privat billi jagħmlu disponibbli skemi ta' garanzija pubblika, fejn hemm bżonn, biex jiġu mħeġġa finanzjaturi speċjalizzati u tipiċi biex jiffinanzjaw entitajiet tal-ekonomija soċjali;
  - (f) iqajmu kuxjenza dwar il-karatteristiċi u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali biex itejbu l-kapaċità tal-finanzjaturi privati ewlenin li joffru appoġġ finanzjarju mfassal apposta;
  - (g) jiffaċilitaw l-aċċess għall-appoġġ għall-iżvilupp tan-negozju u għall-prontezza tal-investment għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, pereżempju permezz ta' skemi ta' appoġġ għas-sensibilizzazzjoni għall-inkubaturi tan-negozji tradizzjonali, l-aċċelleraturi, u organizzazzjonijiet oħra ta' appoġġ għan-negozji biex jestendu l-appoġġ tagħhom għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali, inklużi opportunitajiet ta' bini ta' kapaċità għall-maniġers tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali;
  - (h) joffru appoġġ finanzjarju dedikat u bini tal-kapaċità biex jiġu ffaċilitati t-trasferimenti tan-negozju lill-kooperattivi tal-ħaddiema;

<sup>81</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-Kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 94–158).

- (i) joffru skemi li jżidu d-disponibbiltà tal-finanzi għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali, pereżempju jipprovdu l-għażla lil min ifaddal individwali, jew impjegati li jipparteċipaw fi pjanijiet ta' rtirar jew ta' tfaddil iffinanzjati minn impjegaturi, bl-għażla li jagħżlu pjan li jinvesti parti f'intrapriża soċjali;
- (j) jagħmlu l-aħjar użu mill-finanzjament disponibbli fil-qafas tal-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, il-kompartiment tal-Istat Membru tal-programm InvestEU, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, programmi simili u riżorsi nazzjonali u reġjonali oħra, billi jitmexxew miżuri u inizjattivi mfassla speċifikament għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali;
- (k) jużaw is-servizzi ta' konsulenza fi-compass dwar l-istrumenti finanzjarji b'ġestjoni kondiviża tal-Unjoni biex jiġu żviluppati strumenti ta' finanzjament ripagabbli fil-qafas tal-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni.

### **L-aċċess għas-swieq u għall-akkwist pubbliku**

14. L-Istati Membri huma rakkomandati jinkoraġġixxu lill-awtoritajiet kontraenti tagħhom jixtru oġġetti u servizzi b'mod strateġiku u jsegwu l-impatt soċjali u jappoġġaw l-innovazzjoni soċjali. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jagħmlu użu sħiħ mill-għodod disponibbli skont ir-regoli tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku. It-trawwim tal-użu ta' soluzzjonijiet soċjalment responsabbli u innovattivi fl-akkwist pubbliku jista' jinvolvi tipi differenti ta' għodod ta' politika, inklużi:
- (a) l-adozzjoni ta' gwida politika u strateġija ta' akkwist, inklużi miri uffiċjali possibbli, appoġġati mit-tmexxija u b'impenn mil-livell politiku permezz ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u manijers tal-baġit ewlenin;
  - (b) l-għoti ta' gwida fil-livell(i) amministrattiv(i) xieraq/xierqa;
  - (c) is-sensibilizzazzjoni dwar il-valur miżjud tal-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli fost l-awtoritajiet kontraenti u l-intrapriżi u t-tqegħid ta' għarfien espert disponibbli għall-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali;
  - (d) l-inkoraġġiment lill-awtoritajiet kontraenti biex jirreferu fid-dokumenti tal-offerti għal obbligi speċifiċi skont il-liġi soċjali u tax-xogħol u ftehimiet kollettivi li japplikaw għall-akkwist<sup>82</sup>, jitolbu lill-offerenti jikkonfermaw il-konformità, u jistabilixxu miżuri ta' monitoraġġ;
  - (e) l-inkoraġġiment ta' djalogu strutturat, trasparenti u mhux diskriminatorju mal-ekonomija soċjali u ma' partijiet ikkonċernati oħra biex titfassal strateġija tal-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli.
15. Fis-sustanza, l-awtoritajiet kontraenti jenħtieġ li jagħmlu użu aħjar mid-dispożizzjonijiet flessibbli skont il-qafas legali eżistenti tal-Unjoni biex jgħinu lill-entitajiet tal-ekonomija soċjali jaċċessaw is-suq billi, pereżempju:

<sup>82</sup> L-Artikolu 30(3) tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 094, 28.3.2014, p. 1), l-Artikolu 18(2) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 094, 28.3.2014, p. 65) u l-Artikolu 36(2) tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 094, 28.3.2014, p. 243).



- (a) irawmu d-djalogu mas-suq, b'mod partikolari billi jsiru konsultazzjonijiet preliminari tas-suq trasparenti u inklużivi ma' firxa mmirata ta' fornituri potenzjali;
  - (b) jirriżervaw kuntratti għall-intrapriżi soċjali għall-integrazzjoni fix-xogħol jew għall-operaturi li jimpjegaw mill-inqas 30 % tal-ħaddiema minn fost persuni b'diżabbiltà jew ħaddiema żvantaġġati f'konformità mal-Artikolu 24 tad-Direttiva 2014/23/UE, mal-Artikoli 20 u 77 tad-Direttiva 2014/24/UE u mal-Artikoli 38 u 94 tad-Direttiva 2014/25/UE;
  - (c) jistabbilixxu kriterji tal-għażla proporzjonati u inklużivi li jippermettu lin-negozji soċjali żgħar u innovattivi jagħmlu offerti għal kuntratti;
  - (d) jitbiegħdu mil-loġika tal-aktar prezz baxx billi jintużaw kriterji għall-għoti soċjali f'konformità mar-regola tal-“aktar offerta ekonomikament vantaġġuża” u l-klawżoli tal-kuntratt soċjali, u jistabbilixxu rekwiżiti ta' eżekuzzjoni jew funzjonali fi stadji differenti tal-proċeduri tal-akkwist, inkluż fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi;
  - (e) il-qsim ta' kuntratti flottijiet, f'konformità mal-Artikolu 46 tad-Direttiva 2014/24/UE u mal-Artikolu 65 tad-Direttiva 2014/25/UE, ukoll bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn in-negozji tradizzjonali u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali, u l-użu ta' reġimi simplifikati, b'mod partikolari għal servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħra biex il-proċess isir aktar aċċessibbli għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali;
  - (f) il-ħtieġa ta' tikketti speċifiċi fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-kriterji għall-għoti jew il-kundizzjonijiet għat-twettiq tal-kuntratt, meta jkollhom l-intenzjoni li jixtru xogħlijiet, provvisti jew servizzi b'karatteristiċi soċjali jew ambjentali speċifiċi, f'konformità mal-Artikolu 43 tad-Direttiva 2014/24/UE u mal-Artikolu 61 tad-Direttiva 2014/25/UE.
16. Sabiex jgħinu lill-entitajiet tal-ekonomija soċjali jespandu l-firxa tagħhom, l-Istati Membri huma rakkomandati jrawmu l-kooperazzjoni bejn l-entitajiet tal-ekonomija soċjali u n-negozji tradizzjonali, b'mod partikolari billi:
- (a) iqajmu kuxjenza dwar il-valur miżjud soċjali billi jippromwovu l-aħjar prattiki li jħeġġu lin-negozji tradizzjonali jinvolvu lill-intrapriżi soċjali fil-ktajjen tal-provvista u tal-valur fit-tul tagħhom u lill-konsumaturi jixtru oġġetti u/jew servizzi prodotti minn entitajiet tal-ekonomija soċjali, magħrufa wkoll bħala l-moviment ta' “xiri soċjali”;
  - (b) iżidu l-provvista ta' servizzi ta' mentoraġġ, ta' tqabbil, u ta' faċilitazzjoni biex jgħinu lill-entitajiet tal-ekonomija soċjali jiżviluppaw sħubijiet fit-tul mal-komunità kummerċjali usa’;
  - (c) jippromwovu u jappoġġaw l-impjegati tal-intrapriżi soċjali għall-integrazzjoni fix-xogħol mal-ħidma man-negozji tradizzjonali biex jiksbu esperjenza fis-suq tax-xogħol miftuħ;
  - (d) jgħinu lill-entitajiet tal-ekonomija soċjali u lill-imprendituri jagħmlu l-aħjar użu minn teknoloġiji ġodda biex jaċċessaw is-swieq privati permezz ta' pjattaformi online xprunati mill-ekonomija soċjali, spazji kollaborattivi u l-komuni diġitali.

## L-ghajjnuna mill-Istat

17. Kull meta miżura ta' appoġġ maħsuba għall-ekonomija soċjali tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat u mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli, l-Istati Membri huma rrakkomandati li jagħmlu użu sħiħ mill-kamp ta' applikazzjoni skont ir-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat biex jappoġġaw l-ekonomija soċjali, kif previst mir-Regolament (UE) Nru 651/2014, ir-regoli dwar is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, u r-regola *de minimis* permezz ta':
- (a) l-użu tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 651/2014, b'mod partikolari:
- i. il-kunsiderazzjoni ta' għajjnuna għall-investment lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), pereżempju għax-xiri ta' assi fl-infrastruttura soċjali f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014;
  - ii. billi jsir l-aħjar użu mid-dispożizzjonijiet li jippermettu l-ghajjnuna għall-finanzjament tar-riskju lill-SMEs f'konformità mal-Artikoli 21 u 21a tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 pereżempju billi jiġu stabbiliti fondi ta' investment bil-parteċipazzjoni ta' investituri privati biex jappoġġaw speċifikament lill-intrapriżi soċjali u jipprovdu inċentivi tat-taxxa lil investituri privati indipendenti li huma persuni fiżiċi li jipprovdu finanzjament ta' riskju direttament jew indirettament lill-intrapriżi eliġibbli;
  - iii. il-kunsiderazzjoni tal-ghajjnuna tal-bidu li tippermetti lill-intrapriżi żgħar mhux elenkati jirċievu varjetà ta' strumenti ta' għajjnuna bħal self b'imgħax baxx, garanziji bi primjums baxxi, jew għotjiet f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014;
  - iv. l-investment fin-nies billi jiġu adottati skemi ta' għajjnuna għar-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema żvantaġġati jew żvantaġġati severament f'konformità mal-Artikoli 32 u 35 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014;
  - v. l-iffaċilitar tal-inklużjoni sħiħa tal-ħaddiema b'diżabbiltà fit-tipi kollha ta' negozji bl-appoġġ ta' sussidji speċifiċi, inklużi sussidji fuq il-pagi, lil intrapriżi f'konformità mal-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014;
  - vi. l-appoġġ għall-bini jew għat-titjib tal-infrastruttura lokali, li tista' tinkludi l-infrastruttura soċjali lokali, billi tingħata għajjnuna biex tkopri d-differenza bejn il-kostijiet tal-investment u l-profit operatorju tal-investment f'konformità mal-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014.
- (b) F'konformità mar-regoli applikabbli dwar l-ghajjnuna mill-Istat, l-Istati Membri huma rrakkomandati li jesploraw liema servizzi pprovduti minn entitajiet tal-ekonomija soċjali jistgħu jiġu definiti u ffinanzjati bħala servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, pereżempju fil-qasam tal-integrazzjoni fix-xogħol ta' persuni vulnerabbli, fl-akkomodazzjoni soċjali jew fis-servizzi tas-saħħa u soċjali bħall-indukrar tat-tfal, il-kura għall-anzjani jew għall-persuni b'diżabbiltà; il-kumpens għal servizzi li jissodisfaw il-ħtiġijiet soċjali jista' wkoll, taħt ċerti kundizzjonijiet, jiġi eżentat mill-obbligu ta' notifika,

irrispettivament mill-ammont tal-kumpens riċevut, skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20.12.2011 (2012/21/UE)<sup>83</sup>;

- (c) bl-użu tal-kamp ta' applikazzjoni disponibbli għall-għoti ta' ammonti trasparenti ta' għajnuna *de minimis*.

### **It-tassazzjoni**

18. Mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri huma rakkomandati li:

- (a) jiżguraw li s-sistemi tat-tassazzjoni ma jfjixklux l-iżvilupp tal-ekonomija soċjali u jivvalutaw jekk is-sistemi tat-taxxa jippromwovux biżżejjed l-iżvilupp tagħha;
- (b) jikkunsidraw inċentivi tat-taxxa għas-settur, jekk mhux diġà jingħataw, f'konformità mal-oġettivi tal-politika soċjali tagħhom u l-prattiki attwali madwar l-Istati Membri u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, li jistgħu jinkludu:
- i. eżenzjonijiet mit-taxxa korporattiva fuq il-profitti miżmuma minn entitajiet tal-ekonomija soċjali;
  - ii. inċentivi tat-taxxa fuq l-introjt fil-forma ta' tnaqqis jew krediti tat-taxxa mogħtija lil donaturi privati u/jew istituzzjonali jew skema ta' deżinjazzjoni li skontha l-kontribwenti jistgħu jindikaw lill-awtorità tat-taxxa tagħhom il-perċentwal stabbilit tal-obbligazzjoni tat-taxxa fuq l-introjt tagħhom li għandu jiġi allokati lil entitajiet b'benefiċċju pubbliku;
  - iii. eżenzjonijiet mit-taxxa fuq il-benefiċċji tal-qgħad riċevuti bħala ħlas ta' somma f'daqqa biex jiġu ffaċilitati t-trasferimenti tan-negozju lill-kooperattivi tal-ħaddiema.
- (c) jirrieżaminaw il-piż tal-konformità tat-taxxa għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali u, fejn possibbli, inaqqas;
- (d) jiffaċilitaw il-konformità fuq livell prattiku għal donazzjonijiet transfruntiera ta' benefiċċju pubbliku għal finijiet ta' tassazzjoni, pereżempju billi joħorġu formola standardizzata tal-entità riċeventi stabbilita fi Stat Membru ieħor għall-ammont tad-donazzjoni, li tidentifika kemm lir-riċevitur kif ukoll lid-donatur;
- (e) jiżguraw li l-entitajiet tal-ekonomija soċjali ma jintużawx għal finijiet ta' evażjoni tat-taxxa, evitar tat-taxxa, ippjanar aggressiv tat-taxxa jew ħasil tal-flus, filwaqt li jiżguraw li l-proċeduri amministrattivi relatati jkunu effettivi u proporzjonati.

### **Il-kejl u l-ġestjoni tal-impatt soċjali**

19. F'konformità mal-azzjonijiet tal-Kummissjoni msemmija fil-punt 22(a)v, l-Istati Membri huma rakkomandati li jappoġġaw l-adozzjoni ta' prattiki ta' kejl tal-impatt u ta' ġestjoni tal-impatt, b'mod partikolari billi:

- (a) jinkorporaw prattiki u metodoloġiji tal-kejl tal-impatt soċjali fl-oqfsa u l-programmi ta' politika nazzjonali marbuta mal-ekonomija soċjali;

<sup>83</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għas-servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi fdati bl-operat ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 7, 11.1.2012, p. 3–10).

- (b) jipprovdu appoġġ imfassal apposta abbażi ta' prattiki tajbin biex jgħin lill-entitajiet tal-ekonomija soċjali jadottaw metodoloġiji sempliċi u prattiċi għall-kejl u l-ġestjoni tal-impatt li jtejbu r-riżultati tagħhom, juru l-impatt soċjali tagħhom, u jiffaċilitaw l-aċċess għal finanzjament xprunat mill-impatt;
- (c) iħeġġu lill-entitajiet tal-ekonomija soċjali jkejlu l-impatt tagħhom billi jibnu l-kapaċità permezz ta' finanzjament iddedikat, u jużaw parti mill-fondi pubbliċi li jirċievu (għotjiet jew kuntratti) biex ikejlu l-impatt soċjali tagħhom.

## **Il-viżibbiltà u r-rikonoxximent**

20. L-Istati Membri huma rrakkomandati li jżidu l-għarfien dwar l-ekonomija soċjali u kif din tikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet soċjali u ambjentali, b'mod partikolari billi:
- (a) jistabbilixxu jew jadattaw forom legali, statusijiet legali, tikketti u/jew skemi ta' ċertifikazzjoni speċifiċi għall-ekonomija soċjali, abbażi ta' valutazzjonijiet tal-valur miżjud potenzjali tagħhom, u l-kunsiderazzjoni ta' rikonoxximent reċiproku volontarju potenzjali ta' tikketti u ċertifikazzjonijiet użati fi Stati Membri oħra. Tali valutazzjonijiet jenħtieġ li jħarsu lejn il-punt sa fejn jistgħu jtejbu l-fehim tas-settur u jappoġġaw l-iżvilupp tiegħu billi jipprovdu aċċess għal vantaġġi speċifiċi (bħal inċentivi tat-taxxa jew flessibbiltà fi proċeduri speċifiċi ta' offerti/akkwist). Il-Kummissjoni se tappoġġa din il-ħidma kif deskritt fil-punt 22(a)vi;
  - (b) jorganizzaw u jiffinanzjaw kampanji ta' komunikazzjoni u avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni dwar l-ekonomija soċjali, inkluż għal ġenerazzjonijiet iżgħar, f'kooperazzjoni mal-livelli rilevanti ta' gvern u istituzzjonijiet oħra (eż. universitajiet);
  - (c) ixerrdu b'suċċess inizjattivi pilota u prattiki tajbin immexxija minn entitajiet tal-ekonomija soċjali, jipromwovu azzjoni għar-replikazzjoni u l-espansjoni ta' din il-prattika tajba permezz ta' networks tal-ekonomija soċjali u permezz tal-komunikazzjoni pubblika.
21. L-Istati Membri huma rrakkomandati jimmonitorjaw l-iżvilupp u l-prestazzjoni tal-ekonomija soċjali billi jstimulaw ir-riċerka u jiġbru statistika u *data* kwantitattiva u kwalitattiva, b'mod partikolari billi:
- (a) jagħmlu l-aħjar użu mill-appoġġ disponibbli mill-Kummissjoni Ewropea biex jespandu s-sistemi nazzjonali tagħhom tal-kontabbiltà biex jiġbru *data* supplimentari u komparabbli (kontijiet satellita) u jwettqu sħarrijiet essenzjali tal-unitajiet domestiċi (bħall-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol u l-istħarriġiet li jikkontribwixxi għall-UE-SILC) biex tinġabar informazzjoni dwar il-parteċipazzjoni fl-ekonomija soċjali, inkluża *data* diżaggregata abbażi tas-sess u l-età (u fejn fattibbli diżaggregazzjonijiet oħrajn) biex jinftiehem l-impatt fuq il-ħolqien tal-impjiegi;
  - (b) iħeġġu l-kooperazzjoni fuq l-iżvilupp ta' statistika fost l-awtoritajiet pubbliċi, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-ekonomija soċjali, filwaqt li tiġi estiża l-firxa ta' sorsi ta' informazzjoni bħar-reġistri, id-*data* amministrattiva, l-istħarriġ u ċ-ċensiment biex tinġabar *data* akkurata;
  - (c) jappoġġaw riċerka akkademika u indipendenti dwar suġġetti tal-ekonomija soċjali.

## L-APPOĠĠ TAL-UNJONI

22. Il-Kunsill jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni billi taħdem flimkien mal-Istati Membri biex tiżviluppa politiki abilitanti u oqfsa regolatorji għall-ekonomija soċjali. B'mod partikolari, dan jinkludi:

- (a) it-tweġġiq tal-inizjattivi mħabbra fil-pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali, li jinkludu:
  - i. it-tnedija u l-manutenzjoni tal-Gateway tal-Ekonomija Soċjali tal-UE, punt ta' dħul ċar għall-partijiet ikkonċernati tal-ekonomija soċjali biex isibu informazzjoni dwar il-finanzjament, il-politiki, in-networks/il-pjattaformi u l-inizjattivi tal-Unjoni, inkluż il-bini tal-kapaċità;
  - ii. il-pubblikazzjoni ta' analiżi dwar l-oqfsa ta' tassazzjoni eżistenti għall-ekonomija soċjali u dwar it-trattament tat-taxxa ta' donazzjonijiet transfruntiera ta' benefiċċju pubbliku u dwar il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni;
  - iii. l-iffaċilitar tal-opportunitajiet ta' taġġim bejn il-pari għall-uffiċjali pubbliċi dwar suġġetti relatati mal-ekonomija soċjali billi jiġu organizzati webinars u workshops. Dawk l-eventi jistgħu jkunu bbażati fuq eżerċizzji ta' mmappjar u l-ġbir u l-iskambju ta' prattika tajba f'firxa ta' oqfsa ta' politika rilevanti għas-settur, li jippermettu lill-parteċipanti jaqsmu l-għarfien u jidentifikaw strateġiji ta' suċċess. Dawk l-eventi jistgħu jservu wkoll bħala opportunità għal skambji regolari tal-aħjar prattiki u taġġim bejn il-pari bejn il-koordinaturi tal-ekonomija soċjali mill-Istati Membri;
  - iv. il-ġbir ta' evidenza kwalitattiva u kwantitattiva dwar l-operat tal-ekonomija soċjali fl-Istati Membri, inkluż billi tiġi appoġġata r-riċerka fil-qafas tal-programm ta' ħidma Orizzont Ewropa għall-2023-2024<sup>84</sup>;
  - v. l-appoġġ għall-iżvilupp tal-kejl u l-ġestjoni tal-impatt soċjali billi jiġu mmappjati u rieżaminati l-prattiki eżistenti, inkluż kif jissodisfaw il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali, biex itejbu l-fehim u jiffaċilitaw l-użu taġġim<sup>85</sup>. Din il-ħidma se titwettaq f'konsultazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati u se jkollha l-għan li tiżviluppa metodoloġiji standard sempliċi għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali biex jivvalutaw u juru l-impatt soċjali taġġim;
  - vi. it-tnedija ta' studju dwar it-tikketti u l-iskemi ta' ċertifikazzjoni tal-ekonomija soċjali nazzjonali li jimmapja l-inizjattivi attwali, l-identifikazzjoni ta' prattiki tajbin, karatteristiċi u kriterji komuni, u l-għoti ta' approċċ u gwida komuni lill-Istati Membri, bil-ħsieb ta' rikonossiment reċiproku volontarju;

<sup>84</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma għall-2023-2024 fil-qafas tal-Programm Speċifiku li jimplementa Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u dwar il-finanzjament tiegħu, COM(2022) 7550.

<sup>85</sup> Il-Kummissjoni, flimkien mal-OECD, għandha tippubblika rapport li jidentifika u jesplora approċċi mfassla apposta li diġà huma verifikati mill-entitajiet tal-ekonomija soċjali fl-Ewropa, u jeżamina l-għan, il-kamp ta' applikazzjoni u l-karatteristiċi ewlenin taġġim.

- vii. l-għoti ta' appoġġ tekniku lill-Istati Membri għar-riformi li għandhom l-għan li jagħtu spinta lill-ekonomija soċjali kemm fuq bażi bilaterali kif ukoll fuq bażi ta' diversi pajjiżi;
  - viii. it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tranżnazzjonali fl-innovazzjoni soċjali permezz taċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza għall-Innovazzjoni Soċjali, il-Kompetizzjoni Ewropea għall-Innovazzjoni Soċjali u n-network futur ta' intraprendituri u innovaturi soċjali appoġġat fil-qafas tal-programm tas-suq uniku;
  - ix. l-appoġġ għall-koimplimentazzjoni tal-Perkors ta' Tranżizzjoni tal-ekosistema industrijali tal-“Economija Soċjali u tal-Prossimità”<sup>86</sup> billi jinġabru wegħdiet mill-partijiet ikkonċernati u tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati tal-ekosistema dwar it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali;
  - x. jtkompla t-titjib tal-aċċess għall-finanzjament għall-intrapriżi soċjali u għal entitajiet oħra tal-ekonomija soċjali, pereżempju permezz tal-prodotti finanzjarji fil-qafas tal-programm InvestEU;
  - xi. l-użu ta' prattiki ta' akkwist soċjalment responsabbli fil-proċeduri ta' sejħiet għall-offerti tal-Kummissjoni;
  - xii. jittieħed kont tal-implimentazzjoni tal-pjan.
- (b) tiġi mmonitorjata u vvalutata l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni;
  - (c) abbażi tar-rapporti tal-Istati Membri msemmija fil-punt 26, jitħejja rapport dwar l-evalwazzjoni tal-azzjonijiet meħuda b'reazzjoni għal din ir-Rakkomandazzjoni, li għandu jiġi ppreżentat lill-Kumitat tal-Impjiegi u lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali għad-diskussjoni.

## L-IMPLIMENTAZZJONI, IL-MONITORAĠĠ U L-EVALWAZZJONI

- 23. Huwa rakkomandat li l-Istati Membri jadottaw jew jaġġornaw l-istrateġiji tal-ekonomija soċjali tagħhom fi żmien 18-il xahar mill-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni.
- 24. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess ta' din ir-Rakkomandazzjoni, l-Istati Membri huma rakkomandati li jirreżaminaw u jtejbu l-istrutturi amministrattivi u istituzzjonali tagħhom fil-livelli kollha ta' governanza, pereżempju billi:
  - (a) joħolqu “punt uniku ta' servizz” biex jiġi pprovdut appoġġ simplifikat u konvenjenti lill-entitajiet tal-ekonomija soċjali f'oqsma bħall-aċċess għall-finanzi u appoġġ ieħor;
  - (b) iwaqqfu punti ta' kuntatt tal-ekonomija soċjali lokali u/jew reġjonali li jaqdu r-rwol ta' ambaxxaturi tal-ekonomija soċjali u li jippromwovu s-settur, jipprovdu appoġġ bejn il-pari, jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament tal-Unjoni u dak nazzjonali, u jikkomunikaw mal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali li jiġġestixxu l-fondi tal-Unjoni;

<sup>86</sup> Ir-rapport “[Transition pathway for Proximity and Social Economy](#)”.

- (c) jaħtru koordinaturi tal-ekonomija soċjali fl-istituzzjonijiet pubbliċi nazzjonali. Dawn il-koordinaturi jenħtieġ li jkollhom mandat u responsabbiltajiet ċari u riżorsi suffiċjenti biex jippermettu l-koordinazzjoni u l-monitoraġġ effettivi tar-Rakkomandazzjoni u biex jiżguraw il-konsistenza fit-tfassil tal-politika fost id-dipartimenti tal-gvern u mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.
25. L-Istati Membri huma rakkomandati li jimmonitorjaw u jevalwaw fil-livell nazzjonali l-implimentazzjoni tagħhom ta' din ir-Rakkomandazzjoni, inkluż permezz ta' djalogu regolari mal-awtoritajiet reġjonali u lokali u mal-entitajiet tal-ekonomija soċjali biex jinformaw, jagħtu pariri u jakkumpanjaw l-evalwazzjoni, il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-ekonomija soċjali tagħhom.
26. L-Istati Membri huma rakkomandati jirrappurtaw formalment lill-Kummissjoni dwar il-progress tagħhom fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni mhux aktar tard minn erba' snin wara l-adozzjoni tagħha u kull ħames snin wara dan.

Magħmul fi Strasburgu,

*Għall-Kunsill  
Il-President*